# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

OTTUBRU 2002 • IT-22 SENA • GĦADD 223 • NEWSPAPER POST



*Mulejja, tkun imfaħħar foħtna w ommna l-Art*
*għax minnha l-għixien, u hi tmexxina,*
*u tagħti frott kull bixra, ward bl-ilwien u ħxejjex.*

*San Franġisk - L-Għanja tal-Ħlejjaq 9*





















# Werrej


3 **L-Ambjent: tiegħi u tiegħek**
*minn Fr. Joe Alessandro OFMCap*

4 **Il-Paċenzja ta' Ġob**
*minn P. Donat Spiteri OFMCap*

5 **Il-fiduċja tiegħi fik, Mulej**
*minn Connie Holland OFS*

6 **Teleskopju fuq il-Ħajja**
*minn P. William Axiaq OFMCap*

8 **San Franġisk ibus lil-Lebruż**
*minn P. John Vella OFMCap*

10 **L-Ewwel Kapuċċin Kenja fil-Ħajja ta' Dejjem**

12 **Il-Missjunarju**
*minn Br John Cassar OFMCap*

13 **Ġurnata Missjunarja 2002**

14 **Għalfejn niġi ċ-Ċentru?**

15 **Sant'Antnin ta' Padova fil-Filatelija**
*minn P. Martin Micallef OFMCap*

19 **Tweġiba**
*minn P. William Axiaq OFMCap*

20 **Kuba u l-istorja tagħha (10)**
*minn P. Philip Cutajar OFMCap*

22 **Sansun - Bniedem Qawwi**
*minn Mons. Lawrenz Sciberras*

24 **Aħbarijiet Kapuċċini**

26 **Familjarità mat-Trinità Qaddisa**
*minn P. Frans Abela OFMCap*

27 **It-tfal jiġu bil-vapuri!**
*minn Profs. Oliver Friggieri*

30 **Tisliba** *minn P. Wistin Attard OFMCap*

30 **Innu lill-Patrijarka San Franġisk**
*minn P. Feliċjan Bilocca OFMCap*

31 **Niġi Warajk!**
*minn Br Dennis Calleja OFMCap*

32 **Sfajt bla dirgħajn! Tista' tgħin?**









**DAWL FRANĠISKAN**

**OTTUBRU 2002**
**It-22 sena • Għadd 223**




**Qoxra 1:**
***Mulejja, Tkun Imfaħħar f'oħtna w ommna l-Art***


**BORD EDITORJALI:**
Joe Alessandro ofm cap (Direttur u Editur)
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap
Maria Mercieca ofs
Dorian Holland ofs
Ruth Delia gi.fra.
Noel Pace



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 21 233874/21 225525/21 234949
e-mail: ofmcap@keyworld.net

**DISINN U LAYOUT:**
IMAGE 2000 LTD, FGURA - 21 677577
**MITBUGĦ:**
P.E.G. Ltd., San Ġwann. - 21 440083



Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.



Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall Missjoni, li għandha tintbagħat lid-
Direttur
Ċentru Missjoni Kapuċċini
Kunvent tal-Kapuċċini
Floriana - VLT 14

Editorjal

*minn Fr. Joe Alessandro OFMCap*

# L-AMBJENT: tiegħi u tiegħek

Fl-4 ta' Ottubru l-Knisja tiċċelebra l-festa ta' San Franġisk ta' Assisi. Dan il-qaddis hekk popolari mill-ewwel norbtuh mal-ħolqien u l-ambjent minħabba r-rispett li kellu lejn in-natura.

Hawn Malta, matul dawn l-aħħar tletin sena bdejna nsiru aktar konxji tal-ħtieġa li nindukraw l-ambjent ta' madwarna. Wieħed mill-prezzijiet li jkollna nħallsu għall-progress mhux studjat huwa t-tniġġis jew il-qerda ta' l-ambjent. Din hija r-realtà li mhux biss qed naraw b'għajnejna, iżda xi drabi anki nbatu l-konsegwenzi tagħha. Hija realtà li tolqot lilna lkoll fuq kull livell.

Fis-*Summit* tal-Ġnus Magħquda li sar bejn is-26 ta' Awissu u l-4 ta' Settembru f'Johannesburg, fl-Afrika t'Isfel, ħarġet b'mod qawwi din ir-realtà li qed tħasseb lil ħafna nazzjonijiet. Hemm min qed jistaqsi jekk, dan il-ħafna tibdil fil-klima, xita bil-qliel li kkawżat għarar kbir f'ħafna pajjiżi u li ħalliet vittmi, barra minn ħsarat kbar fil-bini u l-kampanja, hux effett ta' esperimenti nukleari li qed isiru, jew tal-gwerra ta' l-Afganistan, jew ta' inkwinament tal-arja minn industriji u minn abbuż ta' skart nukleari.

Tajjeb li wieħed jagħmel dawn il-mistoqsijiet u anki oħrajn biex naraw kif nistgħu nħarsu aħjar l-ambjent ta' madwarna u nindukraw is-saħħa tagħna u tal-ħlejjaq l-oħra li jgħixu fid-dinja tagħna. Huwa dmir mhux biss soċjali li nħarsu l-ambjent imma wkoll dmir morali. Jiġifieri aħna responsabbli mhux biss quddiem is-soċjetà imma wkoll quddiem Alla jekk aħna ma nibżgħux għall-ambjent li fih irridu ngħixu. Dan kien ukoll il-ħsieb li wasslulna l-Isqfijiet tagħna fl-Ittra Pastorali tagħhom fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Marija din is-sena.

Din mhiex biss responsabbiltà ta' min hu fl-awtorità iżda tagħna lkoll, tiegħi u tiegħek.

Tenħtieġ aktar edukazzjoni. Fl-iskejjel diġà bdejna u t-tfal, fortunatament, huma aktar sensittivi minn xi wħud minna l-kbar. Irridu nkomplu din l-edukazzjoni fil-familji tagħna, billi bil-kelma u bl-eżempju ngħallmuhom iħobbu, jgħożżu u jħarsu l-ħolqien, in-natura u l-ambjent.

L-Isqfijiet, fl-Ittra Pastorali, ifakkruna li: "Soċjetà li f'uliedha tnissel u tkabbar imħabba u rispett lejn il-ħolqien u lejn dak kollu li jagħmel l-ambjent ta' madwarna isbaħ u aħjar, tkun qed tinvesti f'ċittadini ta' karattru akbar li fihom ikun hemm minqux ukoll sens qawwi ta' solidarjetà umana."

Jekk ma nħarsux l-ambejnt issa, ikollna nbagħtu l-konsewengzi aħna stess u wliedna 'l quddiem. ❑



# Il-Paċenzja ta' Ġob

*minn P. Donat Spiteri OFMCap*

**Meta xi ħadd ikun se jtellfilna l-paċenzja, malajr naqbżu u ngħidulu: "Ejja, f'ġieħ il-paċenzja ta' Ġob!" Imbagħad jgħidulek li Ġob ma kienx jeżisti, meta fost il-kotba tal-Bibbja għandna wkoll il-ktieb ta' Ġob. Imma Ġob hu persuna storika jew fittizja?**

L-espressjoni "Paċenzja ta' Ġob" naqrawha fl-ittra ta' Ġakbu (5, 11).

Aktarx ġejja minn traduzzjoni popolari tal-kelma *hypomonè*, li tfisser sabar. Din hi l-virtù ta' min iżomm sħiħ fit-tbatija bir-rassenjazzjoni u l-perseveranza. L-awtur tal-ktieb hekk jurih lil Ġob, għalkemm dejjem skond l-istess awtur Ġob mhux dejjem ġieb ruħu u tkellem hekk. Skond l-awtur, ġie li tkellem tajjeb, ta' raġel rassenjat mar-rieda ta' Alla (1, 21-22; 2, 10) u ġie li gerger, ilminta u seħet xortih (3, 1ss; 6, 2ss). Tassew li kliem Ġob hu kliem li l-awtur qiegħed fuq fomm Ġob biex bih ifisser il-kobor tat-tbatija tiegħu. Mhuwiex kliem li qalu Ġob tassew.



*Ġob ippjagat.*
*Minjatura minn Manuskritt tas-Seklu XV, Bibjoteka Ċivika, Bergamo.*

Imma Ġob kien tassew persuna storika? Din hi l-mistoqsija tagħna.

Fit-tradizzjoni tal-poplu Lhudi jissemma wieħed jismu Ġob li kellu fama ta' raġel tajjeb. Fil-ktieb tal-profeta Eżekjel jissemma flimkien ma' Noè, u ma' Danjel (Dan 1); "dawn biss salvaw ħajjithom minħabba l-ġustizzja tagħhom" (14, 14. 20). It-tlieta kienu ismijiet ta' nies magħrufa u importanti fl-istorja ta' l-imgħoddi. Noè, il-magħruf protagonista ta' l-istorja tad-dulluvju; Danjel kien magħruf f'leġġenda minn Ugarit; u Ġob kien figura magħrufa wkoll fit-tradizzjoni bħala raġel qaddis u tajjeb.

Eżekjel kien jaf b'Ġob minn tradizzjoni ġejja mill-qedem u mhux mill-ktieb ta' Ġob li għandna fil-Bibbja. Eżekjel kiteb fl-eżilju tal-Babilonja u l-ktieb ta' Ġob aktarx inkiteb wara l-eżilju. Imma Ġob, li jissemma fl-ittra ta' Ġakbu, hu l-istess Ġob, il-bniedem tat-tbatija u s-sabar, li jissemma fil-ktieb li jġib ismu. Jiġifieri, raġel tajjeb jismu Ġob kien magħruf fl-istorja, kif fuqu jitkellem l-awtur tal-ktieb. Seta' kien ukoll figura leġġendarja u mhux storika, u fuqu jitkellem l-awtur li bena l-istorja sabiħa li ħallielna f'dan il-ktieb. Fl-aħħar mill-aħħar dak li jinteressana mhux l-isem tal-protagonista iżda t-tagħlim li fehem iwasslilna l-awtur bl-istorja tiegħu, ukoll jekk hi fittizja.

U tassew, bħala "storja" hi fittizja u drammatika. Din hi l-forma letterarja tal-ktieb ta' Ġob. L-awtur kellu quddiem għajnejh il-problema tat-tbatija tal-bniedem u l-aktar tal-bniedem ġust u tajjeb. Kif nafu mill-paġni tat-Testment il-Qadim, din kienet problema tqila u iebsa għan-nies ta' dak iż-żmien - "għaliex ibati l-bniedem?" Għall-bniedem ħażin sabu l-kawża fil-ħażen ta' għemilu. Imma għall-kwistjoni tal-ġust li jbati ma sabux tweġiba; din baqgħet misteru quddiemhom. L-awtur tal-ktieb ta' Ġob ipprova jidħol fil-qalba tal-problema kbira. Ħa l-isem ta' Ġob, bniedem magħruf fl-istorja jew fit-tradizzjoni popolari bħala raġel qaddis u tajjeb. Hu bena madwaru storja sħiħa. Ipproponieh bħala bniedem li, minkejja t-tbatija tiegħu, bata u għadda minn kull xorta ta' tiġrib u tbatija. Taħt l-isem Ġob sawwar dramm mill-isbaħ li qatt inkitbu bit-tagħlima kbira fuq il-problema tat-tbatija tal-bniedem. Imma tweġiba sħiħa ma jagħtix. Fl-aħħar, bil-kliem ta' Alla lil Ġob, jagħraf u jxandar li kollox isir skond il-ġustizzja u l-pjan ta' Alla. Hu biss jaf għaliex ibati l-bniedem, u l-bniedem tajjeb ukoll.

"Trid int twaqqa' s-sentenza tiegħi,
tagħti tort lili biex tieħu raġun int?" (40, 8 ).

It-tweġiba għall-problema kbira tat-tbatija, l-aktar tat-tbatija tal-bniedem tajjeb, jagħtihielna t-Testment il-Ġdid bir-rivelazzjoni tal-valur salvifiku tat-tbatijiet ta' Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla. Hu l-bniedem ġust, li bata u miet bla ħtija tiegħu għas-salvazzjoni tagħna l-ħatjin.

Ġob - persuna storika jew fittizja - hu dejjem figura tal-bniedem li jbati. Ġob hu kull bniedem, għax kull bniedem ikollu jbati għalih innifsu u għall-oħrajn.

"Jien issa nifraħ bit-tbatijiet tiegħi minħabba fikom, għaliex bihom jiena ntemm dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja" (Kol 1, 24 ).

Dan hu l-valur tat-tbatija fid-dawl tar-rivelazzjoni tal-misteru tat-tbatija, mhux ta' Ġob, iżda ta' Ġesù Kristu. ❑

# Il-Fiduċja tiegħi fik, MULEJ

*minn Connie HOLLAND OFS*

***"Il-fehma tiegħu sħiħa fik;***
***inti ssaħħaħlu s-sliem***
***għax fik ittama.***
***Ittamaw fil-Mulej,***
***għal dejjem ta' dejjem,***
***għax il-Mulej hu l-blata ta' dejjem"***
***Isaija 26, 3-4***

Fi żmien ta' mard huwa faċli li tinkwieta u b'hekk tkun qed ittellef il-mixja lejn fejqan sħiħ. Din il-kitba tista' tgħinek issib il-paċi li tfejjaq, u li Ġesù biss jista' jagħtiha.

## FILGĦODU

***"Ħa jkunu milqugħa quddiemek***
***kliem fommi u ħsieb qalbi,***
***Mulej, blata tiegħi u feddej tiegħi"***
***Salm 19, 15***

O Alla, grazzi ta' dan il-jum li ġej fuqi u l-wegħda li int ser tkun miegħi.
Għinni f'kollox biex inpoġġi l-fiduċja tiegħi fik.
Mulej, agħtini l-qawwa tiegħek biex nagħmel dak li għandu jsir, u l-għerf tiegħek biex inwarrab dak li ma nistax nagħmel.
Mulej, għandi bżonn il-maħfra tiegħek meta nkun preokkupata żżejjed, mifxula, irritabbli u egoista.
Għażiż Mulej, int li qatt ma waqaft tagħti kas ta' l-oħrajn anki fi żmien ta' tbatija kbira, għinni biex qatt ma nonqos li nagħraf il-ħtiġiet ta' l-oħrajn, biex nieħu kull opportunità li nagħmel it-tajjeb u, filwaqt li nagħmel ir-rieda mqaddsa tiegħek, jiena nsib il-paċi.
Mulej Ġesù, noffrilek dan il-jum b'dak kollu li jġib miegħu. Amen.

## FILGĦAXIJA

***"Nimtedd u norqod minnufih fis-sliem,***
***għax int waħdek, Mulej,***
***fis-sod tqegħidni"***
***Salm 4, 8***

O Alla, meta ma nkunx f'sikkti l-lejl tant narah twil. Ninkwieta meta ma norqodx.
Meta nibqa' mqajma l-problemi jimmultiplikaw.
Mulej - nagħtik kulma ġara llum, it-tajjeb, il-ħażin, waqtiet fejn għamilt dak li hu sew, u waqtiet meta għamilt il-ħażin - aħfirli għal meta waqajt.
Issa Mulej - nitolbok biex tindokra lill-għeżież tiegħi u lil dawk li qasmu dan il-jum miegħi; u agħtini serħan il-moħħ li inti ser tkun miegħi tul dan il-lejl. Jekk jogħġbok, għażiż Mulej, hekk kif nagħlaq għajnejja, agħtini rqad fil-fond u jekk in-ngħas jitlaqni, agħmel li nistrieħ f'imħabbtek.
Amen.






# Teleskopju fuq il-Ħajja

minn P. William AXIAQ OFMCap

Alla żejjinna bl-intelliġenza biex inkunu kapaċi nħaddmu moħħna fil-ħajja tagħna, għax mingħajr riflessjoni, u riflessjoni profonda, ħajjitna naħluha fiċ-ċajt, u ma jaqbilx. Il-Mulej għaniena wkoll bir-rieda biex dak li naraw li hu raġunat u skond is-sewwa nagħmluh b'determinazzjoni. Hekk jaqblilna. Il-ħsibijiet li ġejjin jisfidawna nagħmlu dan kollu biex inkunu għaqlin u mhux bravi biss fil-ħajja.

## 1 ABBUŻI SESSWALI ĠODDA U ORRIBBLI

Minn żmien fejn l-għajta kienet għal sess ħieles (*free sex*) għaddejna għal oħra li tgħajjat għal sess ħieles mill-mard (*safe sex*). Dħalna f'era ta' drawwiet u ġibdiet sesswali ġodda. Dan wassal biex tiżdied id-domanda għal kuntatti li jkunu kemm jista' jkun meħlusa mill-mard. Il-konsegwenza ta' dan kollu kienet li mhux biss żdied il-prezz, il-ħlas li qed jintalab minn min joqgħod għal dak li jitolbuh abbużivament, talli tbaxxiet drastikament l-età



tal-persuni mdaħħlin f'dan il-kummerċ vili u korrott.

Waħda mir-raġunijiet għal din iż-żjieda fl-abbużi sesswali ta' minorenni, taħt l-età, li f'xi każi jistgħu jkunu tfal ukoll, hija proprju riżultat ta' din id-dekadenza morali. Il-libertinaġġ sesswali li d-dinja għaddiet minnu f'dawn l-aħħar tletin sena waslet biex kważi eżawriet ruħha u bdiet għamliet ġodda ta' esperjenzi sesswali differenti, jiddispjaċini ngħid. Fl-aħħar mill-aħħar, f'dan il-qasam, il-fantasiji u l-varjazzjonijiet huma bla tmiem. Biżżejjed wieħed jara x'inhu jdur fuq l-*internet* ħalli jinduna bil-possibbiltajiet enormi li jeżistu. Dawn kapaċi jissodisfaw kull forma ta' xewqat u azzjonijiet li jmorru kontra l-valur tas-sess u tas-sesswalità. Fost dawn il-varjazzjonijiet li qed ikunu offruti hemm fantasiji erotiċi li jinvolvu anki tfal bħala oġġett ta' pjaċir diżordinat. Ara fejn wasalna!

Il-bniedem huwa annimal li jitwebbel. Għall-ewwel l-affarijiet li jara permezz tal-mezzi elettroniċi jġagħluh jgħid għarukaża, imma maż-żmien dawn l-istess affarijiet jistgħu jibdew jogħġbuh għax huma reklamati b'mod fin ħafna. Nosservaw il-misteru tal-ħażen li minnu jitkellem San Pawl (2 Tess 2, 7).

***Mulej, żommni 'l bogħod mix-xejriet dijaboliċi li qabdu l-art fil-kultura ta' llum.***

## 2 *ZAPPING* TELEMATIKU

Bl-użu frekwenti jew ta' kuljum kemm tal-*computer* kif ukoll ta' l-*internet* drajna dak li teknikament qegħdin isejħulu *zapping* telematiku. X'ikun dan?

Kif nafu, id-dinja hija mimlija stazzjonijiet televiżivi. Nistgħu naqbdu mhux ma' kanal wieħed jew tnejn imma ma' varjetà enormi ta' stazzjonijiet televiżivi. Meta wieħed joqgħod bilqiegħda quddiem it-televiżjoni bir-*remote control* f'idejh u joqgħod iqalleb immedjatament jew wara ftit tal-ħin minn kanal għal ieħor, dan il-ġiri minn kanal għal ieħor jgħidulu *zapping* telematiku.

Meta wieħed jintasab quddiem l-*internet* u joqgħod iqalleb minn ħaġa għal oħra f'qasir ħin possibbli dan jgħidulu wkoll *zapping* telematiku. Din saret, x'aktarx, il-ħajja tagħna ta' kuljum kemm quddiem it-televiżjoni kif ukoll quddiem l-*internet*. Sirna ma għandniex sabar naraw fit-tul programm. L-għors tagħna noqogħdu nagħfsu l-buttuna tar-*remote control* jew tal-*mouse* biex noqogħdu nimirħu minn ħaġa għal oħra. Min minna għadu ma daħalx f'din id-drawwa? Min mhux jagħmel hekk fuq it-telviżjoni jew l-*internet* żgur qed jagħmel hekk fuq ir-radjijiet.

Iż-*zapping* telematiku ħakimna u, barra hekk, qiegħed jikkondizzjonana sew b'tali mod li ma bqajniex kapaċi nsegwu bniedem ikellimna fit-tul speċjalment fil-



pubbliku, iżjed u iżjed fejn jidħlu l-omeliji anki tajbin u l-priedki ppreparati sew. Din id-drawwa li nqbadna fiha mingħajr ma aħna nindunaw bil-konsegwenzi koroħ tagħha, irridu noqogħdu ferm attenti minnha għaliex tista' tfaqqarna waħda sew kulturalment u tagħmilhielna. Tirrendina superfiċjali, fis-sens li ma nibqgħux kapaċi nidħlu fil-fond ta' l-affarijiet. Moħħna jsir mimli b'affarijiet ta' fuq fuq. Nibdew ngħixu bil-biċċiet, b'ħsara kbir għall-iżvilupp ta' l-intelliġenza tagħna.

***Mulej, għallimni nibża' għall-intelliġenza tiegħi f'dinja li saret ħafna frammentarja għax tiddeletta biss bil-loqom ta' l-affarijiet.***

## 3 SLOGAN ĠDID

Id-dinja ta' żmienna hija magħrufa biżżejjed għas-*slogans*: espressjoni qasira li min jaqraha teħillu mill-ewwel ma' moħħu u tibda tmexxilu ħajtu hi.

Fil-preżent hawn *slogan* li qiegħed jirreklama d-divorzju kemm f'pajjiżi fejn dan diġà daħal legalment, kif ukoll f'oħrajn fejn għadu ma ġiex aċċettat. Forsi, fil-każ ta' l-aħħar, dan is-*slogan* idoqq iżjed ħlejju għaċ-ċittadini għax ikunu għadhom imċaħħdin minnu. Jinstema' hekk: "Aħjar divorzju tajjeb minn żwieġ ħażin". Smajtha ddoqq melodjożament l-espressjoni maħduma b'sengħa nibbiexa!?

Din hija waħda minn dawk l-espressjonijiet li kapaċi jaqbdu ħafna ħut, speċjalemnt fost miżżewġin li tkun inqalgħetilhom xi ħaġa, tkun liema tkun, fiż-żwieġ tagħhom u għandhom il-liġi favurihom li tista' tkompli tinkuraġġihom biex jidħlu daqslikieku xejn għat-tieni żwieġ.

L-espressjoni li jiġbor fih is-*slogan* teħel immedjatament ma' l-imħuħ ta' l-għarajjes u jżommuha fl-arkivju ta' moħħhom. Malli tinqala' xi ħaġa iżjed 'il quddiem fiż-żwieġ tagħhom jibdew jirraġunaw li aħjar divorzju kif suppost milli żwieġ nofs kedda. Ara x'ħażen ta' espressjonijiet nies mhux ta' subgħajhom f'ħalqhom u li ma jżommux 'l Alla quddiem għajnejhom qegħdin jivvintaw biex dejjem iwittu t-triq ta' ħaddieħor għal drawwiet li jmorru kontra l-liġi qaddisa ta' Alla.

Il-miżżewġin, speċjalment friski u l-għarajjes iridu joqogħdu ferm attenti minn diskors bħal dan li kapaċi jmexxihom minn imneħirhom, jekk ma jkunux għaqlin, ġenbejhom imħażżmin u għandhom il-biża' ta' Alla.

***Mulej, eħles lill-miżżewġin mill-qerq li qed jinżera' madwarhom apposta biex jirvinahom.***





# San Franġisk ibus lil-lebbruż

## L-ewwel kura hija l-imħabba

minn P. John VELLA OFMCap

Franġisku kien isibha diffiċli li jaċċetta lil-lebbrużi. Kien jaċċettahom bil-paroli biss, iżda li jersaq lejhom u jmisshom kienet ħaġa oħra. Il-laqgħa mal-lebbrużi kienet pass kbir lejn il-mixja tal-konverżjoni tiegħu. Għall-ewwel kienet diffiċli għalih biex jersaq lejn il-lebbrużi minħabba kif kien ġie mgħallem u mrobbi fil-familja. Tumas minn Celano kiteb hekk: "Minn meta kien żgħir irċieva edukazzjoni ħażina mingħand il-ġenituri, li kienet ġejja mill-frugħa tad-dinja. Waqt li kien jimita l-eżempji tagħhom, huwa stess kien jimpurtah mill-inqas fl-oħrajn, u moħħu kien fih innifsu" (*Trattato dei miracoli di S. Francesco* n.1). Ommu biss kienet "ħabiba ta' l-akbar onestà: kienet tilbes ilbies li jirrifletti l-ħajja tagħha" (n.4). Franġisku kien jgħix f'familja ta' ċertu livell soċjali bi tradizzjoni moħħha fid-dinja taż-żmien. Il-Missier, li kien kummerċjant magħruf, kien iħeġġeġ lit-tifel biex iħares lejn il-ħajja b'għajnejn tad-dinja.



Il-konverżjoni ta' Franġisku kienet fatt ta' grazzja. "L-id tal-Mulej strieħet fuqu u l-leminija ta' Alla l-kbir bidlitu, għaliex għalih nnifsu l-midinbin jerġgħu jsibu t-tama li jerġgħu jgħixu l-grazzja, li jkunu għal kulħadd bħala eżempju ta' konverżjoni lejn Alla" (*Celano* n.2). It-tbatija għenitu biex jimmatura fid-deċiżjonijiet tiegħu u fil-konvinzjonijiet spiritwali. Pass 'il quddiem lejn il-konverżjoni kien li Franġisku nqata' mill-flus. "Allura Franġisku, ma jagħtix importanza 'l-għana; rema l-flus minn tieqa żgħira biex ma jkunx marbut magħhom qishom trab" (n.9). "Il-bniedem ta' Alla ddeċieda li jużahom (il-flus ) għall-foqra u biex jirranġa l-kappella" (n.14).

Ix-xena, meta Franġisku ċaħad għall-ġid kollu quddiem l-isqof ta' Assisi Giudo, kienet qawwija ħafna. "Quddiem l-isqof, Franġisku la ddubita u lanqas ma qagħad għal ebda għan: mingħajr ma qal xejn jew stenna biex jitkellem xi ħadd, neħħa l-ħwejjeg kollha li kien liebes u tahom f'ħoġor missieru, fejn ġie għarwien quddiem kulħadd. Imbagħad, bħala maħbub tassew ta' l-umiltà, il-Qaddis fittex biex mar qalb il-lebbrużi u għex magħhom biex iservihom f'kull bżonn għall-imħabba ta' Alla. Kien jaħsel l-iġsma li qed jitmermru u jikkuralhom il-feriti kif hu stess qal fit-testment tiegħu: 'Meta kont għadni fid-dnub, kont naħseb ħafna li nħobb nara l-lebbrużi, u l-Mulej qegħedni bejniethom u magħhom biex nuża l-ħniena' (Testment n.2). Meta kien iżur lil-lebbrużi, fejn qabel huwa ma kienx jissaportihom, ma kienx ikun għadu mexa żewġ mili bogħod minn fejn kienu miġbura li kien iżomm imnieħru b'idejh. Imma kif ġara hekk: meta hu kien ġa beda l-konverżjoni tiegħu, għaliex il-grazzja hi virtù ta' Alla l-kbir, biex ikollu ħsibijiet qaddisa u ta' ġid, waqt li kien għadu jgħix fid dinja, jum fost l-oħrajn, fejn qabel huwa żamm bogħod mil-lebbruż, sforza lilu nnifsu, avviċinah u biesu. Minn dak il-ħin iddeċieda li jwaqqa' lilu nnifsu aktar, sakemm, għall-ħniena ta' Ġesù Salvatur, ikollu r-rebħa kollha" (*Celano* nn.15-17). Il-mument tal-bewsa lil-lebbruż huwa importanti fl-istorja tal-konverżjoni ta' Franġisku. Kien mument qawwi biex huwa seta' jirbaħ il-biża' u wasal hekk li fehem aħjar is-sitwazzjoni tat-tbatija li dawn l-imwarrbin kienu qed jgħixu.

Skond Tumas minn Celano nsibu: "L-ewwel biċċa xogħol li Franġisku għamel b'idejh, hekk kif inħeles mill-madmad ta' missieru naturali, kienet li reġa' beda jibni tempju tal-Mulej (kappella iktar minn nofsha mwaqqgħa). Ma riedx jibni waħda ġdida, iżda li jirranġa kappella antika u li kienet imwaqqgħa, għalkemm kellha l-pedimenti, imma kompla jibniha. Għamel hekk, mingħajr ma kien jaf is-sengħa, għall-glorja ta' Alla. Fil-fatt ħadd ma seta' jagħmel pedament ieħor barra dak li kien diġà hemm - Ġesù Kristu" (*Celano* n.18).

Din ir-riflessjoni ta' Fra Tumas tiċċara l-pożizzjoni ta' Franġisku billi juri dan il-ġest biex jitfa' dawl fuq il-bqija tal-ħidma tiegħu. Franġisku huwa bniedem ta' tiġdid, fir-rigward ta' l-Evanġelju u l-milja ta' l-ubbidjenza lejn il-Knisja.

Il-fatt li ried jimita lil Kristu, Franġisku kellu jerġa' jaħsibha biex jibdel l-imġiba tiegħu mal-lebbrużi. Dan jurih hu stess fit-testment: "Il-Mulej ta lili, Fra Franġisk, il-grazzja li nibda nagħmel penitenza hekk: għaliex, billi jien kont ngħix fid-dnub id-dehra ta' l-imġiddmin kienet għalija wisq ta' min jistmerrha: iżda l-Mulej innifsu mexxieni f'nofshom, u jiena wrejt ħniena magħhom. U wara li qdejt dmiri lejhom, dak li qabel deherli li hu morr, inbidel għalija fi ħlewwa għar-ruħ u għall-ġisem. Imbagħad, qgħadt ftit, u ħallejt id-dinja" (Testment nn.1-3).

Fit-tieni ħajja miktuba minn Tumas ta' Celano dwar San Franġisk, insibu dettalji oħra tal-laqgħa tiegħu mal-lebbruż: "Iżda, hekk, jum fost l-oħrajn kien iltaqa' ma' wieħed (lebbruż), waqt li kien fuq iż-żiemel viċin Assisi. Huwa kien qed jiddejjaq ħafna u kellu biża' kbir, iżda, biex ma jonqosx mill-fedeltà mwiegħda, qisu li ma jobdix kmand li rċieva, waqqaf iż-żiemel u mar ibus lil-lebbruż. U lil-lebbruż, li newwillu idu qisu biex jirċievi xi ħaġa, f'daqqa waħda tah il-flus u biesu. Mill-ewwel reġa' tela' fuq iż-żiemel, ħares 'l hawn u 'l hinn - il-kampanja kienet wiesgħa u ħielsa minn kull tfixkil - iżda ma rahx iżjed lil-lebbruż. Kollu ferħan u mistagħġeb, ftit ħin wara ried jerġa' jirrepeti dan il-ġest. Mar fil-post fejn hemm il-lebbrużi (lebbrużarju) u, wara li ta l-flus lil kull wieħed minnhom, bieshom fuq idhom u xoffithom" (*Celano* n.9)

Anke San Bonaventura niżżel fid-dettal il-ħajja attiva ta' Franġisku mal-lebbrużi: "Kien jaħslilhom saqajhom, jinfaxxalhom il-feriti; kien ineħħilhom il-materjal ta' l-infezzjoni mill-feriti u jerġa' jnaddafhomlhom. Kien



ibusilhom ukoll, imbuttat mill-ġabra, il-feriti tagħhom kollha laħam ħażin, huwa li kien qisu sar jixbah lis-Samaritan it-Tajjeb ta' l-Evanġelju" (*Leggenda Maior* n.6).

L-imġiba soda ta' l-imħabba lejn il-lebbrużi, Franġisku firixha għall-morda kollha li kien jiltaqa' magħhom tul il-vjaġġi li kien jagħmel. Imġiba dejjem aħjar anke għall-fatt li hu stess kien marid u kien jaf xi tfisser li tkun marid. "Kien ibati magħhom waqt li kien jikkonslahom bi kliem ta' ħniena, meta ma kienx jista' jgħinhom" (*Celano* n.175). U biex ma jġegħelx lil xi wieħed mill-aħwa marid jistħi fil-pubbliku, kien jiekol miegħu l-laħam fil-ġranet tas-sawm.

San Bonaventura jikteb hekk: "Huwa (Franġisku) kien imil bi ħlewwa u bi ħniena li tolqtok lejn kull min qed ibati fil-ġisem, u meta kien jinduna b'xi ħadd fil-bżonn jew neċessità, fil-qalb ħelwa u ħanina tiegħu kien iqisha bħala tbatija ta' Kristu stess. Kien welled ġo fih sentiment ta' ħniena lejn il-morda, u meta ma kienx ikun jista' joffri l-għajnuna, kien joffri l-imħabba ħanina tiegħu" (*Leggenda Maior* n.5).

Din is-sensibbiltà għall-morda kellha tkun f'kull wieħed mill-aħwa li huma fil-bidu tal-ħajja reliġjuża, tant li huwa kien ikun irid li jaħdmu għal żmien mhux ħażin qalb il-lebbrużi. ❑

DAWL FRANĠISKAN

**ĠEDDIDTU L-ABBONAMENT TIEGĦEK FID-DAWL FRANĠISKAN?**
**Jekk le ibagħt l-isem u l-indirizz tiegħek flimkien ma' Lm 4 lil:**
**Editur Dawl Franġiskan**
**Kunvent tal-Kapuċċini**
**Floriana VLT 14**



# L-Ewwel Kapuċċin Kenjan fil-Ħajja ta' Dejjem

Nhar it-Tlieta, 23 ta' Lulju 2002, Ħuna P. George Nyawira Oduol fetaħ *wing* ġdid fis-sema għall-Aħwa Kapuċċini Kenjani. Dan kien il-ħsieb li bih beda l-quddiesa tal-funeral Mons. Pawlu Darmanin, Isqof ta' Garissa, nhar it-Tnejn 29 ta' Lulju. L-Isqof Darmanin mexxa l-konċelebrazzjoni li fiha ħadu sehem għadd kbir ta' Aħwa Kapuċċini tal-Viċi-Provinċja tal-Kenja flimkien ma' saċerdoti u reliġjużi oħrajn kif ukoll familjari u ħbieb ta' P. George li mlew il-knisja parrokkjali ta' Saint Austin, f'Nairobi, il-Kenja. L-omelija għamilha Ħuna P. Francis Jabedo OFMCap li kien sieħbu sa mill-bidu tal-ħajja reliġjuża tagħhom. Wara l-quddiesa saret id-difna fiċ-ċimiterju ta' l-istess knisja li fih hemm midfunin saċerdoti u reliġjużi Kenjani u missjunarji, kif ukoll Edel Quinn, ko-fundatriċi tal-*Legion of Mary*.



*Fr. George Bezzina OFMCap, Viċi-Provinċjal tal-Kenja, ibierek it-tebut fi tmiem il-quddiesa.*

Għal din l-okkażjoni, b'sens ta' fraternità u ta' solidarjetà, kien hemm preżenti wkoll P. Joe Alessandro OFMCap u P. Leonard Falzon OFMCap f'Isem il-Provinċja Kapuċċina ta' Malta.

Ħuna P. George Nyawira Oduol, saċerdot Kapuċċin, twieled fil-parroċċa ta' Hawinga, Djoċesi ta' Kisumu, minn Michael Sikuku Oduol u Magdalene Rapul fis-16 ta' Settembru 1958. Ħaddan l-Ordni Franġiskan Kapuċċin fl-1987 bħala aspirant u beda n-novizzjat fil-kunvent ta' Kasita, fit-Tanzanija, fit-30 ta' Lulju 1989.

L-Ewwel Professjoni tiegħu għamilha f'idejn P. Franġisku Azzopardi, il-Provinċjal ta' dak iż-żmien, fis-17 ta' Awissu 1990, f'Kasita. Minn hemm mar fil-fraternità ta' Langata, f'Nairobi, u beda kors ta' tliet snin fil-Filosofija u fl-Istudji Reliġjużi fil-kulleġġ tal-*Consolata* minfejn akkwista l-B.A. fil-Filosofija u Diploma fl-Istudji Reliġjużi. F'Awissu ta' l-



*Parti mill-kongregazzjoni u l-konċelebranti waqt il-quddiesa tal-funeral.*



*Fr. George (it-tieni mix-xellug) f'jum il-gradwazzjoni M.A. fil-filosofija - 2001)*

1993 beda l-istudji fit-Teoloġija f'*Tangaza College*, li huwa affiljat mal-*Catholic University of East Africa*, u ħa l-Baċellerat fit-Teoloġija. Għamel il-Professjoni Perpetwa fl-1996 u wara ġie ordnat Djaknu.

L-Arċisqof Zacheus Okoth ta' l-Arċidjoċesi ta' Kisumu ordnah saċerdot fl-1997. Wara sentejn bħala Direttur ta' l-Aspiranti u l-Postulanti fil-fraternità ta' Umoja, fl-1999 beda jispeċjalizza fil-Filosofija u ġab l-M.A. fl-2001.

Hekk kif spiċċa dan l-istudju beda kors fuq *African Cultural Studies* fil-*Maryknoll Institute*, b'rabta ma' l-università ta' Minnesota. Għalkemm kien sejjer tajjeb fil-kors ma laħaqx beda l-aħħar parti minħabba marda terminali li ħakmitu. Id-Direttur tal-Kors, Fr. Michael Kirwen M.M., ikkumenta hekk: "Hija ħasra li kważi fl-aħħar tal-kors Fr. George kellu jieqaf minħabba l-mard. Kien rispettat ħafna minn sħabu l-istudenti kollha."

Matul l-istudji tiegħi, Ħuna P. George kien wieħed mill-fraternità ta' Langata. Fil-*weekends* kien jagħti s-servizz pastorali tiegħu fil-parroċċa ta' St. Patrick, f'Thika. Fil-bidu ta' Mejju ta' din is-sena daħal l-isptar, l-ewwel f'*St. Mary's* u wara, għal tliet darbiet, fil-*Mater Misericordiae Hospital*, f'Nairobi, minfejn il-Mulej sejjaħlu għal għandu fit-23 ta' Lulju 2002.

Agħtih, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.



*Lejn id-difna ta' Fr. George Oduol*



*Fr. George (it-tieni mix-xellug) flimkien ma' sħabu meta ggradwa B.A. fil-filosofija - 17.08.90*

## APPREZZAMENT

The sudden death of Br George Oduol Nyawira will for sure bring an outpouring of condolences and reflections on his life and work as a servant of the Lord to all in the Vice Province and many others who were privileged to know him. I offer the following poem in his memory.

Death is nothing but a moment's rest
Until the Second Coming of the Lord.
When He shall gather to Him of the best
To take them to the place of their reward.

I've felt the power of Jesus in my soul
Shining like a golden sun within,
Melting my hard heart to make me whole,
Burning out the remnants of my sin.

I've felt Him work within me, so I know
The glory that will come when I awake.
I'll sleep just like a child who'll homeward go,
And in my dreams of love great pleasure take.

So do not mourn my death, and do not grieve.
The Lord will come for me: This I believe.

Fr. David Kamau OFMCap
*Capuchin International College*
*Rome*

*Nota ta' l-Editur: Fr. David Kamau u Fr. Charles Njoroke huma żewġ saċerdoti Kapuċċini Kenjani li bħalissa qegħdin Ruma biex ikomplu jispeċjalizzaw fl-istudji tagħhom.*

*Kenja —*

# Il-Missjunarju

*minn Br John Cassar OFMCap*



***Is-sejħa għall-ħajja missjunarja hija sejħa li tikkumplimenta l-Ħajja Reliġjuża. Għax jekk l-ewwel missjoni tar-reliġjużi hi li jgħixu l-kunsilli evanġeliċi, permezz tal-Ħajja Konsagrata fil-Knisja u għall-Knisja, huma fid-dmir ukoll li jinvolvu ruħhom fil-ħidma missjunarja tal-Knisja, skond il-kariżma ta' l-Ordni tagħhom, għat-twassil tal-Bxara t-Tajba fost l-ifqar fost il-fqar.***

Kull sejħa missjunarja ġejja minn Kristu, li hu l-missjunarju ewlieni, għax kien hu l-ewwel missjunarju li ġie mibgħut minn Alla, biex iwassal lilna l-Bxara t-Tajba. Kristu hu li jieħu l-inizjattiva b'diversi modi u ċirkustanzi, biex isejjaħ persuni għall-ħajja missjunarja. Għalhekk is-sejħa għall-ħajja missjunarja hija sejħa divina u qaddisa. Kull missjunarju hu ambaxxutur kemm ta' Kristu kif ukoll tal-Knisja. Minħabba f'hekk kull missjunarju huwa fid-dmir li jwassal il-Bxara t-Tajba b'diversi modi lin-nies fejn magħhom jinsab jaħdem.

Il-ħajja missjunarja hija esperjenza ta' ħajja evanġelika iżjed fil-fond. Nemmen li kull missjunarju għamel att ta' fidi f'Alla u wkoll fil-Knisja biex iħalli l-fraternità li fiha jkun qed jgħix, lill-familjari u lil ħbiebu. Verament li tridt tkun il-fidi li ssuqek għall-ħajja missjunarja għax, jekk nirraġunaw ta' bnedmin, irridu nkunu veru boloh li nħallu kollox u morru ngħixu f'kundizzjonijiet li huma ħafna differenti li nkunu qed ngħixu fihom f'pajjiżna.

Il-missjunarju qed jgħix kontinwament f'mixja id f'id ma' Kristu u ma' Kristu fqir. F'l-esperjenza li għandi fil-Missjoni ħafna nies, li magħhom qed naħdem u li aħna qed inkunu ta' għajnuna għalihom, jemmnu li l-abjad ġie mibgħut lilhom minn Alla biex permezz tiegħu jtejjeb il-kundizzjonijiet li fihom qed jgħixu. U proprju hawn li l-missjunarju jsir Kristu ieħor, meta jwassal l-Bxara t-Tajba lill-fqajrin, jgħallem, isabbar, iżur il-morda fid-djar jew fl-isptar, iżur il-ħabsin, jitma' lil min hu bil-ġuħ, u bil-paċenzja kollha jkollu jisma' stejjer tal-passat. U jekk f'dawn iċ-ċirkustanzi l-missjunarju jsir Kristu ieħor għal dawn l-imsejkna, hekk ukoll dawn l-imsejkna jsiru għall-missjunarju Kristu ieħor ukoll. B'hekk il-missjunarju jispiċċa mhux l-għalliem jew is-saċerdot u r-reliġjuż biss, imma jibda jitgħallem ukoll min-nies li magħhom qiegħed jgħix. U jekk b'dan kollu l-missjunarju jsir mezz ta' Salvazzjoni għall-foqra u l-batuti, anke l-foqra u l-batuti jsiru strumenti ta' salvazzjoni għall-missjunarju nnifsu.

Waħda mill-aktar sfidi li kull missjunarju għandu quddiemu hi l-inkulturazzjoni. L-inkulturazzjoni ma tfissirx li l-missjunarju jsir Afrikan bħall-Afrikani, imma li jkun kapaċi jifhem u jitgħallem min-nies ta' kulturi oħra. Forsi waħda mit-tentazzjonijiet hi li, meta l-missjunarju jiġi biex iwaqqaf l-Knisja f'art tal-missjoni, minflok iwaqqaf il-Knisja tal-post, jipprova jagħmel trapjant tal-Knisja li jkun ġej minnha.



***Xellug: Mons. Isqof Paul Darmanin OFMCap, flimkien mal-insara wara l-quddiesa tal-Ħadd fl-outstation ta' Madogo, Garissa.***

Forsi xi kultant ninsew li aħna mhux għajr strumenti f'idejn Kristu u huwa hu li, bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu, iwaqqaf il-Knisja. Huwa importanti ħafna li, qabel kull deċiżjoni li l-missjunarju jieħu, irid jifhem il-kultura u d-drawwiet tal-post. B'dan ma nixtieqx infisser li l-Knisja li tiġi mwaqqfa fl-art tal-missjoni tkun xi Knisja differenti mill-Knisja Universali.

Sfida oħra li l-Missjunarju jħabbat wiċċu magħha hi dik ta' reliġjonijiet, Knejjes u setet oħrajn li fl-Afrika qed joktru daqs il-faqqiegħ. Anke hawn, il-missjunarju jrid ikun prudenti u b'iżjed paċenzja, għax ħafna drabi jsib ruħu f'mumenti delikati ħafna. Huwa importanti li quddiem għajnejh izomm li hu ġie mibgħut il-missjoni minn Kristu u li jrid iwassal lil Kristu u t-tagħlim tiegħu. Irid ikun kapaċi li joħloq djalogu b'mod speċjali ma' Knejjes Insara u reliġjonijiet oħra. Ħafna drabi dan ma jkunx possibbli minħabba l-fundamentaliżmu, b'mod speċjali fl-Iżlam, fejn huwa diffiċli ħafna tiddjaloga magħhom.

Minkejja dan kollu, il-missjunarju hu l-missjunarju ta' kulħadd, mingħajr fruntieri. Anke l-Musulmani stess jemmnu li aħna ġejna mibgħuta minn Alla u mill-profeta tiegħu Muhammad biex inkunu ta' għajnuna għalihom. Huma ħafna l-Musulmani li għandhom stima lejn il-Knisja u lejn il-missjunarju. Għall-missjunarju ma hemmx Musulman jew Kristjan, imma għalih kulħadd xorta. U dan hu s-sabiħ fil-ħajja missjunarja li, b'xi mod, il-Bxara t-Tajba qed tasal ukoll għand dawk li ma jridux jaċċettaw li Kristu huwa l-Iben ta' Alla u l-Messija. Il-Bxara it-Tajba ma titwassalx biss bil-predikazzjoni u bit-tagħlim tal-katekiżmu imma wkoll permezz ta' l-opri tal-ħniena. Musulmani wkoll jixhduh li l-Knisja Kattolika ma tħarisx lejn uċuħ imma tgħin lil kull min hu fil-bżonn. Knejjes oħra le, imma jgħinu lill-fidili tagħhom biss.

Kull missjunarju jipprova juża kull mezz possibbli biex iwassal l-Aħbar it-Tajba. Ninsabu ngħixu fid-dinja tal-*computers*, ta' l-*e-mail* u ta' l-*internet*. Anke għall-missjunarju dawn huma mezzi utli għall-ħidma ta' evanġelizazzjoni u komunikazzjoni. Fortunatament, minkejja li ħafna minna l-missjunarji ninsabu ngħixu 'l bogħod mill-ibliet, fejn hu possibbli għandu aċċess għal dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni. Hija verament grazzja li ħafna missjunarji qed iwasslu l-Aħbar it-Tajba permezz ta' fuljetti li qed jippubblikaw għall-Insara u anke għal dawk li mhumiex. Permezz ta' l-*e-mail* il-missjunarju m'għadux daqshekk maqtugħ mill-bqija tad-dinja. B'hekk, anke minn informazzjoni li jirċievi mingħand ħbieb jew familjari tiegħu, qed ikun aktar possibbli għalih li jgħaddi lill-Insara l-aħħar aħbarijiet jew dokumenti tal-Knisja fl-iqsar żmien.

Ħafna drabi, il-missjunarju jkollu jgħaddi xi ftit taż-żmien waħdu fil-post li fih ikun qed jgħix u jaħdem. Għalhekk, kull m'għandu bżonn hu *support*, mhux biss finanzjarju imma morali u spiritwali, kemm mingħand ħutu r-Reliġjużi kif ukoll mingħand il-familjari u sħabu permezz tat-talb. ❑

# "Naħdmu mal-Knisja biex tinbena s-Saltna ta' Alla"

## Siltiet mill-Messaġġ tal-Papa għall-Ġurnata Missjunarja 20 ta' Ottubru 2002

Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ġurnata Missjunarja Dinjija toffri lil kulħadd l-opportunità li jezamina ruħu fuq dak li titlob minnu l-imħabba infinita ta' Alla: imħabba li titlob il-fidi; imħabba li tistiednu biex iqiegħed il-fiduċja kollha tiegħu f'Alla.

F'din l-okkażjoni aħna msejħin biex nitolbu bil-ħerqa għall-missjonijiet u nikkooperaw b'kull mezz fil-ħidma tal-Knisja fid-dinja kollha biex tibni s-Saltna ta' Alla. Aħna msejħin qabel xejn biex nagħtu xhieda b'ħajjietna tar-rabta sħiħa tagħna ma' Kristu u ma' l-Evanġelju tiegħu.

Iva, qatt ma għandna nistħu bl-Evanġelju u qatt ma għandna nibżgħu nistqarru li aħna nsara. Għall-kuntrarju, jenħtieġ inkomplu nitkellmu u nwessgħu l-ispazji għax-xandir tas-salvazzjoni, għaliex Ġesù wiegħed li jibqa' dejjem preżenti fost id-dixxipli tiegħu.

Il-Ġurnata Missjunarja Dinjija tgħinna biex niskopru aħjar il-valur tal-vokazzjoni personali u komunitarja tagħna. Tqanqalna biex ngħinu lill-"iżgħar fost dawn ħuti" (ara Mt 25, 40) permezz tal-missjunarji mxerrda f'kull naħa tad-dinja. Din hija l-ħidma ta' l-Opri Missjunarji Pontifiċji, li dejjem fittxew li l-iżgħar aħwa jkollhom min jaqsam magħhom il-ħobż tal-Kelma u jkompli jwasslilhom id-don ta' l-imħabba bla tarf li toħroġ mill-qalb tas-Salvatur.

Ħuti l-aktar għeżież, ejjew nafdaw dan l-impenn tagħna għax-xandir ta' l-Evanġelju kif ukoll il-ħidma evanġelizzatriċi kollha tal-Knisja f'idejn Marija Santissima, Reġina tal-Missjonijiet. Ħa tkun hi li takkumpanjana fil-mixja tagħna biex niskopru, inxandru u nagħtu xhieda ta' l-imħabba ta' Alla, li jaħfer u jagħti l-paċi lill-bniedem.

B'dawn is-sentimenti nibagħtilkom bil-qalb il-Barka Appostolika b'rahan tal-protezzjoni bla heda tal-Mulej.

*Mill-Vatikan, 19 ta' Mejju 2002, Solennità ta' Għid il-Ħamsin.*



# Għalfejn niġi ċ-Ċentru?

Biex nitgħallem u nkun aktar viċin ta'Alla. Inħossu parti importanti minn ħajti u nsibu ta' għajnuna kbira għalija. - Marisa

Biex nistrieħ mill-problemi li toffrili l-ħajja ta' kuljum. Fiċ-Ċentru sibt ħafna ħbiberija sinċiera u fuq kollox insib ħafna ma' min niftaħ qalbi. Dan kollu għenni nimmatura iktar. - Jeremy

Iċ-Ċentru nħossu jgħinni biex nifhem ir-Reliġjon li jiena nħaddan ħalli b'hekk inħossni aktar ħaġa waħda mal-Mulej li fih jiena nemmen. - Stephania

Iċ-Ċentru jirrifletti d-dinja u 'l ħajti fuq smaller scale. Il-grupp hu ħaj għax jagħtik il-ferħ u jlaqqgħek mal-ħbieb, joffrilek dar oħra u refuġju f'mumenti diffiċli. Tgħallimt inkun ħabib u barra minn hekk ħassejt iktar il-bżonn ta' Alla fil-ħajja tiegħi. Hawn ġew jien tgħallimt ngħix. - Keith

Permezz taċ-Ċentru, għamilt ħafna ħbieb ġodda u tgħallimt ħafna mil-laqgħat. Il-preżenza ta' Ġesù nħossha taħdem fina u tgħinna kontinwament biex nibqgħu dejjem magħqudin. - Kathleen

Hawnhekk iltqajt ma' żgħażagħ li jifhmuni, ma' individwi li jaċċettawni kif jien, ma' ħbieb li jitolbu miegħi u jaqsmu ideat diversi. Fuq kollox ngħixu dawn il-mumenti sbieħ fi spirtu Franġiskan. - Ruth

Bis-saħħa taċ-Ċentru, nista' nkun dejjem iżjed qrib ta' Alla għax nitgħallem mill-esperjenzi ta' l-oħrajn. Jgħinni wkoll biex insir naf dejjem aktar lili nnifsi u nikber fit-tajjeb. - Elaine

Għalija ċ-Ċentru sar it-tieni familja. Inqis lil sħabi bħala ħuti. Fihom sibt ħafna sinċerità. Illum il-ġurnata ma nistax nimmaġina ħajti mingħajr ċ-Ċentru. - Fabian

Permezz taċ-Ċentru stajt niskopri iżjed lili nnifsi u sirt naf aħjar x'ifisser li tgħix għall-Mulej Ġesù. Kemm ili niġi nbdilt ħafna għall-aħjar u wasalt biex niskopri xi jrid Alla minni. - James

Iċ-Ċentru għalija huwa t-tieni familja tiegħi. Kemm ili nattendi, immaturajt kemm spiritwalment u kemm umanament. Tgħallimt napprezza dak li tani l-Mulej u nagħraf is-sabiħ f'ħaddieħor. - Sonia

Kemm ili nattendi ċ-Ċentru nista' ngħid li nbdilt, kemm fil-karattru tiegħi, kif ukoll fuq livell spiritwali. Nammetti li, minbarra l-esperjenzi sbieħ li għaddejt minnhom, kien hemm ukoll dawk li ma kinux daqshekk sbieħ, iżda llum naf li kienu essenzjali biex stajt nikber iktar f'imħabbti lejn Ġesù. - Rachel

## STEDINA

Jekk int żagħżugħ/a bejn 16 u 30 sena u tixtieq tibda tagħmel parti minn fraternità ta' żgħażagħ, din hi proprju l-opportunità għalik.

**FEJN?** Ċentru Kultura Franġiskana, Floriana (ħdejn i-knisja tal-Kapuċċini)

**META?** It-Tnejn u l-Ħamis mis-6.30pm sad-9pm

**X'IKUN HEMM?** Laqgħat ta' formazzjoni, informazzjoni, esperjenzi u talb. Logħob u divertiment.

Għal aktar tagħrif ċempel lil Br Vincent Axiaq Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana
Tel: 21 234949 / 21 225525 / 7925 1391
jew E-Mail: studentsofmcap@mail.global.net.mt

# Sant'Antnin ta' Padova fil-Filatelija

minn P. Martin MICALLEF OFMCap.

IS-SEBA' PARTI

***F'din il-ħarġa ser inkomplu nippreżentaw xi wħud mill-isbaħ bolol dwar il-qaddis maħbub Franġiskan, Sant'Antnin ta' Padova. Fil-ħarġa li għaddiet diġà ppreżentajna xi wħud minn dawn il-bolol, u bdejna b'dawk l-aktar antiki. Issa jmiss li nippreżentaw dawk aktar moderni. Ma' dawn il-bolol ser nippreżentaw ukoll bolol oħra li juri knejjes f'rabta ma' dal-qaddis.***




**1.** Fid-9 ta' Mejju 1986, il-Kolombja fakkret il-viżta tal-Papa Ġwann Pawlu II f'dan il-pajjiż permezz ta' dan il-fuljett mill-isbaħ, disinn ta' Castillo Cervantes. Il-fuljett juri lill-Papa għarrkubbtejh, jitlob quddiem il-Madonna ta' Chiquinquirá, patruna ta' dal-pajjiż fl-Amerika t'isfel. Il-bolla f'dan il-fuljett li ġġib il-valur ta' $2.00 fiha l-kwadru tal-Verġni Marija ma' Sant'Antnin u Sant'Andrija u l-wiċċ tal-Papa, li warajh tidher parti sewwa mill-kosta tal-Kolombja fuq il-Paċifiku, immarkata bil-kulur aħdar.

**2.** Fl-okkażjoni tal-Milied tas-sena 1990 Sierra Leone ħarġet sett ta' erba' bolol mill-isbaħ meħudin ilkoll minn pitturi klassiċi f'rabta mal-misteru ta' l-Inkarnazzjoni. Il-bolla li lilna tinteressana hawn hija dik li ġġib il-valur ta' 100 Le. Din hija meħuda minn pittura ta' Filippu Lippi u turi lill-Madonna bil-Bambin f'idejha li qiegħda tidher lil Sant'Antnin li jidher bil-ġilju f'idejh. Ħdejh jidher ukoll patri franġiskan ieħor.




**3.** Fit-13 ta' Ġunju 1995, l-Italja fakkret it-VIII Ċentinarju tat-twelid ta' Sant'Antnin (1195-1231) b'żewġ bolol sbieħ immens. L-ewwel bolla li ġġib il-valur ta' 750 l hi fuq sfond blu u turi lill-qaddis u l-Bażilika ddedikata għalih li tinsab f'Padova. Madwar il-qaddis u din il-Bażilika hemm miktub bi kliem kbir isfar: S. Antonio: Vangelo e Carità. Taħt dan il-kliem imbagħad hemm is-sena tat-twelid tal-qaddis u s-sena tal-ħruġ ta' din il-bolla: 1195-1995. Din il-bolla ġiet iddisinjata minn N.Russo.




**4.** Il-bolla l-oħra, imbagħad, li ġġib il-valur ta' 850 l hija meħuda mill-pittura famuża ta' Vieira Lusitano (seklu XVIII). Din turi lill-qaddis jgħannaq miegħu lil Ġesù Bambin u



mdwarin b'diversi anġli żgħar li donnhom qed jitgħaxxqu b'din id-dehra tas-sema.




5. Din l-istess bolla ħarġet ukoll fl-istess okkażjoni mill-Brażil, bid-differenza li l-burdura tagħha mhijiex bajda bħal dik ta' l-Italja, iżda kannella. Il-valur tagħha huwa 0,84 rs. Minbarra hekk, flok l-isem ta' l-Italja fuq in-naħa tal-lemin isfel, hemm il-kliem Brażil 95. Fuq in-naħa tax-xellug, imbagħad, bl-Ispanjol hemm miktub 8 centinario do nascimento do Santo Antonio.




6. Fit-3 t'Ottubru 1995, l-istat tal-Vatikan ħareġ sett ta' tliet bolol. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 500 l ħarġet biex tfakkar it-VIII Ċentinarju ta' Sant'Antnin ta' Padova (1195-1231). Din turi skultura fil-bronż ta' dan il-qaddis maħbub li jidher bilwieqfa bil-ktieb ta' l-Evanġelju u bil-ġilju f'idu x-xellugija. Din l-iskultura hija xogħol ta' F.Tulli.

7. Fit-22 ta' Frar 1995, fl-okkażjoni tat-VIII Ċentinarju mit-twelid ta' Sant'Antnin ta' Padova, l-Ordni Sovran Militari ta' Malta ħareġ din il-*miniture sheet* daqshekk sabiħa li turi lil Sant'Antnin għarkubbtejh fuq-naħa tax-xellug bil-ġilju u bil-ktieb ta' l-Evanġelju f'idejh il-leminija.




Bħala parti minn din il-*miniture sheet* hemm ukoll il-bolla li tinkorpora fiha l-figura ta' dan il-qaddis Franġiskan. Din iġġib il-valur ta' 10 scudi.

Din il-pitturi hija ex-voto magħmula minn Franġiskan anonimu (1572), u mogħtija minn Fra Marco da Viterbo talli reġa' lura qawwi u sħiħ lejn art twelidu wara l-battalja ta' Lepanto fl-1571, flimkien mas-suldati minn Viterbo.






**8.** Fid-9 ta' Marzu 1931, il-Portugal, il-pajjiż li fih twieled Sant'Antnin, fakkar is-VII Ċentinarju mill-mewt ta' dan il-qaddis b'serje ta' 6 bolol. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 4,50 e hija fuq sfond griż. Din turi l-qabar ta' Sant'Antnin li jinsab fil-Kappella tal-Bażilika ddedikata lilu li hemm fil-belt ta' Padova, fl-Italja. Dan il-qabar, li hu wieħed mill-isbaħ, jinsab fl-ogħli. L-Arka, kif inhu msejjaħ dan il qabar li fih jiġbor ir-relikwi ta' dan il-qaddis, hu xogħol fl-irħam aħdar ta' Carrara. Din l-istess bolla reġgħet ħarġet minn dan l-istess pajjiż f'Settembru-Ottubru 1933 bil-valur ta' 40 c fuq 4,50 e.




**9.** Fid-9 ta' Marzu 1931, l-Italja fakkret ukoll it-VIII Ċentinarju mill-mewt ta' Sant'Antnin b'serje ta' 7 valuri. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 50 c fuq sfond vjola ġiet iddisinjata minn C. Vincenti u hija meħuda mill-inċiżjoni ta' Repettati. Il-bolla turi l-bini tal-Bażilika sabiħa ddedikata lil dan il-qaddis li hemm fil-belt ta' Padova. Din bdiet tinbeda ftit wara l-kanonizzazzjoni ta' Sant'Antnin u tlestiet fl-1307. Hija ġarrbet ħsarat kbar fl-1567 u fl-1749 f'urugan u fi ħruq. Il-Bażilika mibnija f'forma ta' salib Latin, hija twila 115 m u ġiet iddisinjata fuq il-mudell tal-Basilika ta' San Mark li hemm ġewwa Venezja. Din il-bolla nsibuha maħruġa wkoll mill-kolonji Taljani fis-7 ta' Mejju 1931 bil-valur ta' 50 c.




**10.** Fid-19 ta' Ġunju 1952, l-Italja fakkret it-XXX Fiera ta' Padova b'din il-bolla li ġġib il-valur ta' 25 l disinn ta' R. Pierbattista u R. De Sanctis. Fuq l-isfond ta' din il-bolla tidher il-bażilika ta' Sant'Antnin li minnha ħierġa 'P' kbira li tirrappreżenta l-ewwel ittra tal-kelma Padova, il-belt ta' dan il-qaddis. Din l-istess bolla ħarġet ukoll fl-istess data minn Trieste - Zona A bil-valur ta' 25 l.




**11.** Fis 26 ta' Ġunju 1970, il-Polonja fakkret il-V Ċentinarju mit-twelid tax-xjenzat M. Copernico b'serje ta' 3 bolol. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 60 gr hija fuq sfond vjola u isfar u ġiet iddisinjata minn Matus-zewska. Hija turi x-xbieha tax-xjenzat ġo gwarniċ ovali fuq in-naħa ta' fuq (xellug). Isfel, imbagħad, f'veduta xi ftit konfuża, hemm il-Bażilika tal-Qaddis f'Padova, fi żmien li fih kien jgħix Copernico bejn l 1501 u l 1503.







**12.** Fl-okkażjoni tas-Sena Mqaddsa li ġiet iċċelebrata fl-1975, ir-Repubblika ta' Guinea Ecuatorial ħarġet sett ta' seba' bolol kbar, ilkoll juru Bażiliċi famużi mferrxin fl-Italja kollha. Il-Bolla li ġġib il-valur ta' 0,20 e hija ppreżentata fuq sfond oranġjo. Din turi l-Bażilika ta' Sant' Antin f'Padova li fiha hemm midfun dan il-qaddis.

**13.** Fl-24 ta' Settembru 1966, fl-okkażjoni tal-V Ċentinarju mill-mewt ta' Donatello (1386-1466), l-Italja ħarġet din il-bolla li ġġib il-valur ta' 40 l. Din turi partikular mill-ħames panewijiet fis-serje ta' għaxra li jżejnu l-parti t'isfel ta' l-artal ta' Sant'Antnin li hemm fil-Bażilika f'Padova. Dan il-panew hu xogħol ta' Donato Bardi, imlaqqam Donatello, li fil-fatt għamel ukoll l-artal tal-Qaddis li fih ipperfezzjona t-teknika msejħa *rilievo stiacciato*. F'dan il-panew jidhru anġli li qed ikantaw.







14. Fl-10 t'Ottubru 1986, fl-okkażjoni tal-festa tal-Milied, l-Italja ħarġet din il-bolla bil-valur ta' 450 l meħuda mill-inċiżjoni ta' P.N. Arghittu. Din turi statwa fil-bronż tal-Madonna bil-Bambin, xogħol ta' Donatello. Dan ix-xogħol artistiku jinsab fuq l-Artal Maġġur tal-Bażilika ta' Sant'Antnin f'Padova.

**15.** Naraw issa bolol li juru postijiet oħra f'rabta ma' dan il-qaddis. Fit-2 ta' Marzu 1936, l-Istati Uniti ta' l-Amerika fakkret iċ-Ċentinarju ta' l-Indipendenza ta' Texas b'din il-bolla li ġġib il-valur ta' 3 c li hi fuq sfond vjola. Il-bolla turi dak li baqa' mill-kunvent iddedikat lil Sant'Antnin f'Texas. Fl-1836, quddiem folla ta' 4,000 Messikan, l-abitanti tal-belt ta' Alamo sabu kenn f'din il-knisja. Iżda dawn ġew kollha maqtulin. Fl-1883 il-belt ta' Alamo ddikjarat dan il-post bħala monument nazzjonali. Fil-ġenb tal-bolla jidhru l-uċuħ tal-Ġen. San Houston u Stephen F. Austin.




**16.** Fis-17 ta' Settembru, Monserrat ħareġ din il-bolla bil-valur ta' 5 c. Hija turi l-knisja ddedikata lil Sant'Antnin. Fuq ix-xellug jidher ir-re Ġorg VI. L-istess bolla ħarġet erba' darbiet oħra bi prezzijiet differenti u fost dawn, tnejn minnhom tidher ir-reġina Elizabetta II.




**17.** Fl-14 ta' Ġunju 1956, l-Istati Uniti ta' l-Amerika ħarġet serje ta' 26 bolla b'suġġetti differenti ta' personalitajiet u postijiet famużi. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 9 c, fuq sfond roża, turi dak li baqa' mill-kunvent ta' Sant'Antnin f'Texas, li diġà tkellimna fuqu fin-numru 15.




**18.** Fl-24 t'Awissu 1957, il-Brażil ħareġ din il-bolla sabiħa bil-valur ta' 2,50 c fuq sfond ħamrani. Din il-bolla meħuda mill-inċiżjoni ta' Gildasio Ferreira turi l-veduta tal-kunvent ta' Olinda, li hu l-aktar kunvent antik tal-Provinċja tal-Patrijiet Franġiskani Minuri, fil-Brażil, iddedikat lil Sant'Antnin. It-III Ċentinarju tal-fundazzjoni ta' din il-Provinċja huwa identifikat ma' dan il-kunvent, anke jekk dan ġie mibni fl-1585 u huwa ddedikat lill-Madonna tas-Silġ.




**19.** Fil-15 ta' Jannar 1970, il-Veneżwela ħareġ dawn iż-żewġ bolli disinn ta' Setelipaino. Il-bolla li ġġib il-valur ta' 10 c turi l-knisja ta' Sant'Antnin, li tinsab fil-lokalità msejħa Clarines.







Il-bolla l-oħra li ġġib il-valur ta' 45 c turi l-knisja ddedikata lil Sant'Antnin li hemm fil-lokalità msejħa Maturin. Dawn iż-żewġ knejjes jippreżentaw il-karattru ta' l-arkitettura kolonjali (sekli XVI u XVIII), li mhijiex xi waħda speċjali minħabba l-frekwenza tat-terrimoti.

**20.** F'Mejju 1972, is-sena tas-Sovranità Nazjonali tal-Honduras, ġiet maħruġa minn dan il-pajjiż il-bolla li ġġib il-valur ta' 30 c. Din turi l-kwadru ta' Antonio Velazquez li juri l-knisja ddedikata lil Sant'Antnin.




**21.** Fit-8 ta' Diċembru 1977, il-Brażil ħareġ din il-bolla bil-valur ta' 9,50 cr biex juri l-arkitettura reliġjuża f'dan il-pajjiż. L-awturi tal-buzzett, E. Allen u J. Czajkowski, irriproduċew fuq din il-bolla l-faċċata tal-knisja sabiħa ta' Sant'Antnin li hemm fil-belt ta' Joao Pessoa, il-post ewlieni tat-territorju ta' Paraiba.




**22.** Fil-5 ta' Awissu 1985, il-Brażil fakkar ir-IV Ċentinarju ta' l-Istat ta' Paraiba b'din il-bolla li ġġib il-valur ta' 330 cr., iddisinjata minn J.E. Alves de Souza. Din turi l-knisja ta' Sant'Antnin, mibnija fil-belt ta' Joao Pessoa. Dan il-bini, flimkien mal-kunvent ta' San Franġisk, huwa s-simbolu ta' l-istorja ta' Paraiba mhux biss għall-maestà fl-arkitettura barokka tagħha, imma wkoll għall-perijodu twil tal-bini tagħha, li beda fl-1589 u spiċċa fl-1779.



# Inħossni miniex maħbuba minn żewġi

Father, jiena mara miżżewġa bil-familja. Ftit żmien ilu kont għaddejja minn depressjoni qawwija, għax inħossni miniex maħbuba minn żewġi. Minħabba f'hekk kelli bilfors infittex l-għajnuna ta' psikjatra li, wara li kellimtu, tani *treatment* li, biex inlaħħaq ma' l-ispejjeż tiegħu kont qiegħda ninħaleb finanzjarjament. Xahrejn ilu iltqajt ma' raġel miżżewweġ u bdejt noħroġ regolarment. Ħassejt bżonn kbir biex xi ħadd iħobbni intimament. Inħoss li dan ir-raġel daħal providenzjalment f'ħajti, proprju fi żmien meta tant kelli bżonnu. Bl-imħabba li offrieli tant erġajt ġejt f'posti li qtajt il-pilloli u fid-dar qed inħossni aħjar minn qabel. Issa nista' nfendi sew. Dan l-aħħar mort inqerr u s-saċerdot qalli li ma jistax ikun inkompli noħroġ ma' raġel ieħor, iżjed u iżjed miżżewweġ, għax qegħda nkun infidila fiż-żwieġ tiegħi ma' żewġi. Meta għedt lill-psikjatra b'dak li qalli l-konfessur, żibel, qalli biex inħallih jgħid lill-qassis u tani parir biex inkompli noħroġ mar-raġel li qbadt miegħu, ġaladarba l-kumpanija tiegħu refgħatni psikoloġikament minn xagħri meta kont minn taħt. Int imma xi tgħid?

Xi tridni ngħid f'sitwazzjoni bħal din jekk mhux li jiddispjaċini bħala saċerdot li ċerti psikjatri - li waqqgħu l-professjonalità tagħhom fi professjonaliżmu - jirraġunaw daqshekk ħażin fuq ċerti każi tal-pazjenti tagħhom. Hu qed jara li inti solvejt il-problema tiegħek mill-aspett emozzjonali u anki finanzjarju u minn għalih li inti fiqt. Mhux qed jinduna li bil-pariri tiegħu qed joħloqlok problema ġdida, f'dan il-każ spiritwali u morali, agħar mill-problema li kellek qabel. Ċerti psikjatri jfejqu l-pazjenti minn ħaġa u jmarrduhom b'oħra. Dak li qed jagħmlu.

Il-fatt li issa inti qed timtela b'ħafna rimors u sens ta' ħtija dan ma jikkalkulahx u ma jimpurtahx minnu l-psikjatra li għażilt, biex tikkonsultah fil-problema li kellek? Dan minn mindu l-problemi tal-ħajja sirna ngħidu lin-nies biex isolvuhom b'mezzi u manjieri illeċiti? Dan fejn wasalna? Din x'diżonestà waslu għaliha xi wħud fil-*caring professions*?

Inti taf tajjeb li, għalkemm ir-relazzjoni l-ġdida wittietlek it-triq għall-fejqan, b'danakollu qatt ma tista' sserraħlek il-kuxjenza tiegħek u tagħtik il-jedd ħalli tagħlaq għajnejk u tkompli toħroġ ma' raġel li mhuwiex tiegħek, qed jagħmillek x'inhu jagħmillek żewġek. Iebes dan id-diskos, imma ibqa' ċerta li jien qed ngħidlek is-sewwa u mhux il-psikjatra, li moħħu biss fil-ħajja ta' din l-art ta' ċerti pazjenti li jmorru għandu bid-diffikultajiet tagħhom.

Inti ma għedtlix jekk il-psikjatra ppruvax jieħu l-każ f'idejh bis-serjetà, billi jkellem lir-raġel tiegħek ukoll, u jipprova jgħinkom issolvu flimkien il-problemi matrimonjali tagħkom. Ibqa' ċerta li hekk kien imissu jagħmel u mhux jagħtik il-lala biex tissokta tkompli fil-ħażen. Huwa minnu li biex tagħmlu hekk tridu l-flus. Imma aħjar tħallas il-flus, biex toħroġ minn ċerti sitwazzjonijiet li qed jippreżentaw ruħhom fiż-żwieġ tagħkom, milli toffendi 'l Alla u tinfena mod ieħor. Xi tgħid? Naħseb li taqbel miegħi, għax tidher li mintix persuna ta' fejn ħabat ħabat u fejn laqat laqat fir-relazzjonijiet tiegħek ma' Alla.

Isma' minni: lil dak ir-raġel ħallih darba għal dejjem għax spiritwalment u moralment qed tikkomplikaw il-ħajja ta' xulxin. Imma ħallih ukoll għar-raġuni li minn hawn u ftit ieħor se terġa' taqa', x'aktarx, f'depressjoni ġdida minħabba raġunijiet oħra li fihom tagħhom iżjed milli fiha tagħha l-kriżi affettiva li għaddejja minnha fiż-żwieġ tiegħek. ❑





# KUBA u l-istorja tagħha




## L-GĦAXAR PARTI

minn P. Philip CUTAJAR OFMCap


*Fr. Philip flimkien ma' wħud mill-insara tal-parroċċa l-ġdida ta' Manijanabo.*

## IR-RELIĠJON F'KUBA

**Il-Kattoliċi f'Kuba** ***(L-ewwel parti)***

Kuba huwa pajjiż lajk, għalkemm il-poplu għandu sens reliġjuż qawwi. Fil-fatt teżisti l-libertà reliġjuża, imħarsa mill-Kostituzzjoni tal-pajjiż. Ir-relazzjonijiet bejn l-Istat u l-Knisja Kattolika hemm spażju fejn jistgħu jkunu ferm aħjar. Għad hemm xi tensjonijiet. Il-Kattoliċi mgħammdin f'Kuba jgħoddu mas-60% fejn mal-20% minnhom huma prattikanti. Din l-istatistika qabel ir-rivoluzzjoni kienet differenti. Il-persentaġġ tal-kattoliċi mgħammdin kien akbar però dak tal-prattikanti kien inqas. Issa, minn wara r-rivoluzzjoni, naqset il-kwantità però tjiebet il-kwalità. Il-kwalità kompliet titjieb b'ritmu notevoli l-aktar f'dawn l-aħħar snin.


*Il-grupp ta' 70 saċerdot, il-maġġoranza missjunarji, li attendew għall-irtir annwali organizzat mill-Konferenza Episkopali Kubana fis-Santwarju Nazzjonali Kuban, ddedikat lill-Madonna tal-Karità, Patruna ta' Kuba. Fr. Philip jidher bil-qiegħda it-tielet mil-lemin.*

Iż-żjara li l-Papa għamel f'Kuba bejn il-21 u l-25 ta' Jannar 1998 kienet ferm pożittiva u ħalliet riżultati tajba ħafna kemm fir-relazzjonijiet bejn l-Istat u l-Knisja kif ukoll fost il-poplu kattoliku u mhux, speċjalment fost iż-żgħażagħ. L-aħħar Milied kien ir-raba' Milied li ġie ċċelebrat bħala festa pubblika bil-libertà li ta l-gvern ta' Fidel Castro. Fil-bidu tas-sena 2000 xi ħaġa eċċezzjonali u li ferrħet imensament lill-poplu kattoliku f'Kuba, kienet li ż-żewġ kanali tat-televiżjoni Kubana, it-tnejn immexxija mill-gvern, taw, bi trasmissjoni diretta minn Ruma, il-ftuħ uffiċjali tas-Sena Mqaddsa mill-Papa Ġwanni Pawlu II nhar il-lejl tal-Milied. Xi ħaġa oħra rari kienet li nhar il-Milied il-Gvern ta l-permess sabiex fid-Djoċesi tagħna ta' Santa Clara nkunu nistgħu nagħmlu purċissjoni. Dawn kienu żewġ avvenimenti - żewġ permessi li ferrħu ħafna lill-Kattoliċi f'Kuba. Kienu żewġ avvenimenti li għalihom il-Kattoliċi attendew bi ħġarhom. Kienu żewġ avvenimenti li juru li r-relazzjonijiet bejn il-Gvern ta' Fidel Castro u l-Knisja Kattolika qegħdin jinbidlu għall-aħjar.

In-numru ta' saċerdoti djoċesani u ta' reliġjużi rġiel u nisa qed jiżdied minn sena għall-oħra għall-fatt li qed jingħataw aktar permessi għal dħul ta' missjunarji ġodda. Il-problema li għadha teżisti hija ma' saċerdoti u reliġjużi Amerikani u Polakki. F'Kuba hawn żewġ seminarji fejn il-kandidati għas-saċerdozju, kemm semlnarlstl klf ukoll rellġjużl, jlltaqgħu fllmklen għall-istudji tagħhom. Hawn Seminarju f'Habana u ieħor fid-djoċesi ta' Santiago de Cuba. Fil-preżent, fil-kors tal-

Filosofija li jdum erba' snin u f'dak tat-Teologija li jdum ukoll erba' snin, bejn seminaristi djoċesani u studenti reliġjużi hemm madwar 100 li qed jippreparaw għas-saċerdozju fiż-żewġ seminarji msemmija. Ħamsa minnhom huma studenti Franġiskani Kapuċċini li qegħdin fil-kors tal-Filosofija ġewwa Habana.

F'Kuba hawn ħdax-il djoċesi. Is-sitwazzjoni preżenti tal-kleru hija ta' 250 saċerdot. Dawn minnhom hemm 112 li huma saċerdoti djoċesani Kubani u 25 saċerdot djoċesan barrani, b'kollox 137 saċerdot djoċesan. Meta nitkellmu mis-saċerdoti reliġjużi hemm 36 li huma Kubani filwaqt li 77 huma reliġjużi barranin, jiġifieri b'kollox hawn 113 saċerdot reliġjuż. Għalhekk, bejn qassisin djoċesani u qassisin reliġjużi, it-total huwa ta' 250 għal popolazzjoni ta' ħdax-il miljun. Biex wieħed ikun jista' jifhem aktar is-sitwazzjoni numerika ta' presbiteri b'relazzjoni mal-popolazzjoni ta' Kuba, bi proporzjon qisu li f'Malta u Għawdex flimkien, għal popolazzjoni ta' 360,000 ruħ għandek biss 8 saċerdoti. Immaġina liż-żewġ djoċesijiet ta' Malta u Għawdex immexxija minn 8 saċerdoti. Din hija s-sitwazzjoni tal-kleru djoċesan u reliġjuż f'Kuba. ❑

## Suċċess fil-ħanut tal-ħjata f'Kuba


*Fir-ritratti jidher xogħol maħdum min-nisa li jattendu l-iskola tal-ħjata esposti fil-bazaar f'Jum l-Omm.*

Fix-xahar ta' Ottubru tas-sena 2001, fil-parroċċa ta' Santa Ana, fid-Djoċesi ta' Santa Clara f'Kuba, twaqqaf ħanut tal-ħjata bl-isem *TALLU DE NAZARET* bil-għan li jservi ta' skola tal-ħjata, rakkmu u *crochet* għan-nisa u t-tfajliet. Bil-għajnuna finanzjarja u anke b'materjal utli li offrew diversi benefatturi Maltin u Għawdxin din l-inizjattiva qiegħda b'suċċess tiċċelebra l-ewwel anniversarju tagħha. Għalih ipparteċipaw ħamsa u tletin, bejn tfajliet u nisa adulti, b'lezzjonijiet ta' sagħtejn, darbtejn fil-ġimgħa.

Il-għan ta' din l-iskola tal-ħjata ma kienx unikament li ngħallmu lit-tfajliet u lin-nisa din is-sengħa imma wkoll li nwettqu proġett sħiħ li jimmira lejn il-promozzjoni umana tal-mara u li nagħtu f'idejn il-mara mezz effikaċi li bih tista' ttejjeb is-sitwazzjoni ekonomika tal-familja tagħha b'rispett lejn il-persuna tagħha. Barra minn dan kienu diversi dawk



it-tfajliet u nisa li, bis-saħħa ta' din l-iskola tal-ħjata, resqu għall-ewwel darba lejn il-Knisja u ġew f'kuntatt ma' Ġesù u magħna bħala ministri tiegħu.

F'Mejju, ġimgħa qabel Jum l-Omm, organizzaw huma stess *bazaar* bl-oġġetti maħduma minnhom, fejn id-dħul kien ta' madwar 5,000 Peso Kuban - madwar Lm 100. Għalina din tidher somma żgħira imma għalihom tfisser ħafna għax hija ekwivalenti għal kważi sentejn paga ta' ħaddiem normali.

Fr. Philip Cutajar jixtieq irodd ħajr lill-benefatturi kollha Maltin u Għawdxin li għenu f'dan il-proġett li bih qed isir ħafna ġid materjali u spiritwali.

**Min jixtieq jikkomunika ma' P. Philip Cutajar, jista' jikteb f'dan l-indirizz:**
**Parroquia Santa Ana, Ap.do. 144 - Santa Clara 50100 - Villa Clara - CUBA.**
**Tel. 0053 42 206 554 • E-Mail: dei@cocc.co.cu**

# SANSUN Bniedem Qawwi

minn Mons. Lawrenz SCIBERRAS

Sansun huwa l-aktar imħallef imsemmi, fejn għandu storja l-aktar dettaljata fost sħabu l-imħallfin kollha tal-Lhud. Dam iħaddem din is-sejħa tiegħu ta' mħallef għal għoxrin sena sħaħ. Ma kellux bżonn jieħu xi eżerċtu miegħu meta kien imur jitqabad ma' l-għedewwa għax Alla kien tah saħħa liema bħalha. Imma biex jibqa' jgawdi din is-saħħa Alla kien talab minnu żewġ affarijiet: li ma jaqtax xagħru u li ma jixrobx inbid u spirti oħra. Isem dan l-imħallef huwa miktub għal disgħa u tletin darba, u minn dawn darba biss qiegħed fit-Testment il-Ġdid. Probabbilment isem Sansun jista' jkollu x'jaqsam max-xemx u għalhekk bniedem uniku daqs kemm mimli kuntrasti.

## Bniedem ta' ħila

L-istorja kollha ta' ħajjet Sansun issaħħaħ il-prinċipju bibliku li l-qawwijiet pożittivi kollha tad-dinja, mingħajr ma wieħed jeżamina minn fejn ikunu ġejjin, dejjem għandhom prinċipju suprem. Hekk hemm miktub: "Imma min irid jiftaħar, b'dan għandu jiftaħar; li għandu d-dehen biex jagħrafni, għax jien hu l-Mulej, li nagħmel it-tjieba, il-ħaqq, u s-sewwa fuq l-art, għax b'dawn nitgħaxxaq" (Ġer 9, 23-24).

Isem dan il-bniedem qiegħed fil-Ktieb ta' l-Imħallfin. Dawn kważi kollha għandhom twelid moħbi jew li ma jissemma xejn, u l-personalità tagħhom, b'dak li hemm marbut magħha, donnhom jimxu fuq skema lesta u li taqbel ma' ħafna. L-uniku eċċezzjoni f'din il-mixja huwa l-imħallef Sansun. It-tnissil imbagħad, flimkien mat-twelid, ġie mħabbar minn anġlu tal-Mulej lil ommu stess li din kienet sterili u ma kellhiex tfal. Missieru Manuha kien mit-tribù ta' Dan. Alla, dejjem permezz ta' l-anġlu, għamel bosta kundizzjonijiet lil omm Sansun, fosthom: "għax dan it-tifel ikun nażir ikkonsagrat lil Alla sa minn ġuf ommu, u hu jibda jeħles lil Iżrael minn id il-Filistin" (Imħ 13, 5). B'eċċezzjoni ta' Iżakk, imkien fil-Bibbja Lhudija ma hemm imniżżel twelid daqshekk bid-dettal bħal ma hu dak ta' Sansun.

F'dawn il-kliem hemm miġbura x'kellha tkun il-missjoni speċifika ta' dan il-bniedem kollu kemm hu speċjali u uniku fis-saħħa li kien igawdi. Għal bosta snin il-poplu magħżul kien maħqur ħafna mill-Filistin u għalhekk Alla bagħat lil dan Sansun biex jeħles lil niesu stess. Wieħed jibqa' mistagħġeb kemm hemm dettalji fl-Iskrittura dejjem dwar Sansun, ibda mill-istess tħabbira tat-twelid tiegħu sal-mewt. Jisboq l-imħallfin l-oħra kollha waħdu.

## Saħħa barranija

Matul l-istorja tas-salvazzjoni Alla bosta drabi kien juri l-qawwa suprema tiegħu permezz ta' bosta fenomini, ukoll naturali, u n-nies kienu jaslu biex jindunaw minn fejn tkun ġejja l-qawwa. Fil-każ ta' l-imħallef Sansun Alla wkoll wera l-qawwa tiegħu, din id-darba fis-saħħa straordinarja li huwa kien iġorr miegħu, saħħa li kienet tisboq kull qawwa oħra kemm fuq il-bnedmin kif ukoll fuq l-annimali l-aktar feroċi.

Eżempju klassiku huwa meta Sansun, imlibbes bl-ispirtu tal-Mulej, tertaq ferħ ta' ljun bħalma wieħed itertaq gidi (Imħ 14, 6). Hekk, fil-bosta profeti, il-qawwa ta' Alla dehret fl-istess kliem ta' kuraġġ mimli nar li dawn in-nebbieħa kienu jwasslu.



*Sansun itertaq ferħ ta' ljun b'idejh.*
*Minjatura tas-Seklu XIV. Donaueschingen, Ġermanja.*



***Sansun jiġbed il-kolonni. Minjatura tas-seklu XIV-XV. Bibljoteka Nazzjonali, Firenze.***

F'Sansun dan kollu deher fis-saħħa fiżika tiegħu; il-persuna kollha tiegħu kienet xhieda tal-preżenza divina ta' Alla miegħu u fih. Għax "l-ispirtu tal-Mulej beda jaħdem ġewwa fih" (Imħ 13, 25).

Dan in-nażir kien f'kuntatt kontinwu ma' Alla permezz tat-talb. Dan il-fenominu sopranaturali kompla ħareġ fid-dieher kemm dan Sunsun kien għall-qalb ta' Alla. L-istorja li ġrat f'Leħi, wara li qatel elf raġel, issaħħaħ dan kollu. Sansun ħadu l-għatx; għalhekk talab 'l Alla biex dan jipprovdilu l-ilma biex jixrob. "U Alla xaqq il-blata tal-ħofra ta' Leħi, u ħareġ minnha l-ilma; u hu xorob, ħa r-ruħ u staħja. Għalhekk semmewha Għajn-kori, li għadha f'Leħi sa llum" (Mħal 15, 19).

Ġrajja oħra tal-qawwa tat-talb ta' Sansun din id-darba ġrat fl-istess maqdes ta' Dagon. "Mulej, Sidi, ftakar fija! Agħtni l-forza, imqar għal din id-darba, o Alla, u f'salt wieħed nitħallas taż-żewġ għajnejja mill-Filistin" (Imħ 16, 28). U s-saħħa reġgħet ġietu u Sansun ġarraf il-maqdes. U l-għadd tal-mejtin li qatel f'mewtu kien akbar minn kemm kien qatel f'ħajtu.

Iżda minn jittarraf jiġġarraf jgħid il-qawl Malti. U mill-istess esperjenza qarsa u morra għadda l-imħallef Sansun. Għal tliet darbiet wara xulxin huwa ġie ingannat minn martu Dalila li kienet mir-razza tal-Filistin u għamlet minn kollox sabiex teqirdu. Sa fl-aħħar Sansun kellu jċedi għaż-żiegħel tagħha u wasal biex kixef fejn kien qiegħed is-sigriet ta' saħħtu: "qatt ma għadda mus minn fuq rasi, għax jien nażir ikkonsagrat lil Alla sa minn ġuf ommi" (Imħ 16, 17). Dan il-kliem swielu lil Sansun it-telfa totali tal-bqija ta' ħajtu. Għaliex, wara li l-Filistin rabtuh bis-sliesel, qalgħulu għajnejh u għalquh idawwar il-mitħna fil-ħabs. Għalkemm kien qawwi fis-saħħa fiżika tiegħu, kien dgħajjef fl-ispirtu tiegħu. Kellu bidu nobbli u sabiħ ħafna imma t-tmiem kien wieħed ta' niket u swied il-qalb. Ħajjet Sansun tgħallem x'kapaċi jagħmel Alla ma' l-umli, u x'jixraqlu l-istess bniedem jekk imbagħad iwarrab lil Alla. ❑



# Mill-ittri tal-qarrejja ...

• Dear Fr. Alessandro, may I thank you for your kindness in sending me the **Dawl Franġiskan**. I find this periodical very interesting and informative. May the Good Lord continue to bless you and all your confreres in your apostolate. Sincerely Yours.

*Msgr. Leo J. White - London*

• Fr. Joe, l-ewwelnett nitlob il-barka tiegħek u rrid ngħidlek prosit tar-rivista **Dawl Franġiskan**. Vera interessanti! Hawn għandek issib donazzjoni żgħira għall-missjoni. Il-paċi magħkom.

*M. A. Spadaro - Ħamrun*

• Għażiż P. Joe, nittama li tinsab tajjeb. Grazzi għal kulma tagħmel magħna. Il-magazine **Dawl Franġiskan** nirċevih regulari u qed ikun tassew interessanti. Prosit! Agħti prosit lil kulmin jagħti sehmu fih. F'għaqda ta' talb u mħabba ta' l-aħwa.

*P. Taddew Schembri - Etjopja*

• Rev. Fr. Prosit u grazzi tat-Tisliba li hija interessanti u informattiva għax biha issir aktar familjari mal-Bibbja. Jiena nħobb nagħmilha, iżda llum iddeċidejt li nibgħata. Grazzi u awguri.

*V. Trevisan - Santa Venera*

• Għażiż Editur, nirringrazzjak ta' dan is-servizz tiegħek u nixtieq ngħidlek li r-rivista tiegħek qiegħda sservi biex it-tfal u ż-żgħażagħ taċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet tas-Seminarju jagħmlu l-qari spiritwali tagħhom tajjeb u varjat għall-ġid tagħhom stess. Dejjem tiegħek.

*Dun Frans Bonnici - Tal-Virtù*

• Fr. Alessandro, nirringrazzjak tar-rivista **Dawl Franġiskan**. Kemm qed tkun sabiħa, fiha x'titgħallem u mżewqa minn kollox. Jiena, wara li naqraha, ngħaddiha lil ħaddieħor. Grazzi u nitolbok tberikni.

*M. Buhagiar - Marsa*

• Għażiż Fr. Joe, hawn qed nibgħatlek l-irċevuti fiskali flimkien ma' xi ftit bolol. Nixtieq nifirħilkom ukoll tar-rivista sabiħa ferm u ta' tagħlim li jien nirċievi ta' kull xahar: **Dawl Franġiskan**. Verament interessanti u fiha ħafna tagħlim. Grazzi u nitolbok tberikna.

*C. Magro*

## L-Isqof ta' Garissa fostna

Mons. Pawlu Darmanin OFMCap, Isqof tad-djoċesi ta' Garissa fil-Kenja, wasal fostna hawn Malta fid-19 ta' Settembru biex iżurna u jieħu ftit tal-mistrieħ.



Barra mill-ħidma pastorali fid-diversi parroċċi, li huma mxerrdin u mbegħdin minn xulxin fid-djoċesi, Mons. Darmanin jieħu ħsieb biex proġetti ta' għajnuna umanitarja jibqgħu għaddejjin b'risq in-nies, li huma bosta, bi bżonnijiet essenzjali għall-ħajja tagħhom ta' kuljum.

Nawguraw lil Mons. Darmanin ġranet ta' mistrieħ u kull barka mis-sema u kull għajnuna min-naħa tagħna fil-ħidma tiegħu b'risq il-Knisja u n-nies fil-Kenja.

### Tifkira ta' Dun Manwel Bonavia ħabib kbir tal-missjoni

Nhar it-3 ta' Awissu 2002, il-Mulej sejjaħ għal għandu lil Dun Manwel Bonavia minn Ħaż-Żabbar, ħu Patri Silvestru OFMCap, missjunarju fit-Tanzanija. Ħutu l-oħra huma Karmenu li joqogħd ukoll Ħaż-Żabbar u Ġorġ u martu Mary u wliedhom li joqgħodu l-Kanada u l-Ingilterra.



Dun Manwel kien abbonat fir-rivista tagħna sa mill-bidu tagħha u kien qarrej regolari tagħha u kiteb diversi drabi fiha. Hu ħadem f'Catania sas-sena 1974; imbagħad kien fil-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt u fl-Uffiċċju Missjunarju. Fl-1990 huwa kien żar il-Missjoni tagħna tal-Kenja. Mulej agħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

## L-Għomja Jaraw

### Appell mill-Isqof ta' Malindi

Sr Margaret, is-soru li tieħu ħsieb ix-xjuħ fil-parroċċa ta' Mpeketoni, fil-Kenja, ġabitilhom tabib ta' l-għajnejn u sab li bosta mill-mitejn li ra, setgħu jiġu operati b'suċċess għall-katarretti. L-isptar, 300 km 'l bogħod, aċċetta jnaqqsilha l-ħlas, u hi, b'diffikultà kbira, irnexxielha tieħu 40 marid u marida. Bosta minnhom kienu ilhom snin twal ma jaraw: la jafu wiċċ ulied uliedhom u lanqas wiċċ is-soru li tieħu ħsiebhom.



Kbir kien il-ferħ ta' kulħadd hekk kif it-tabib neħħielhom il-faxxa minn fuq għajnejhom u sabu li setgħu jaraw mill-ġdid!! Ħajjithom inbidlet. Saru utli. Jistgħu jagħmlu xi xogħol fid-dar u fl-għalqa. It-tfal li kienu jieħdu ħsiebhom, issa jistgħu jmorru l-iskola u d-duttrina u jilagħbu ma' sħabhom.

Bi sforz ieħor, Sr Margaret ħadet 15 oħra. Imma ma tistax tkompli, għax kull persuna tqumilha Lm 30, bejn trasport, ħlas u mediċina. Għandha bżonn ħafna benefatturi lesti 'jagħtu d-dawl lill-għomja'.

Dan is-suċċess f'parroċċa waħda, qiegħed iġagħalna naħsbu fl-għomja tal-parroċċi l-oħra li jinsabu fid-djoċesi ta' Malindi, fil-Kenja. Tgħid, insibu min hu lest biex igħinna?

+ Frans Baldacchino, Kapuċċin,
Isqof ta' Malindi, Kenja.

***L-għotjiet jistgħu jitħallew ma' Fr. Joe Alessandro OFMCap, Kunvent tal-Kapuċċini, Triq F.X. Fenech, Floriana VLT 14, Tel 21233874/ 21225525. Għal kull għotja tintbagħat irċevuta.***

### Il-*Boys' Junior Lyceum* u s-Seminarju tal-Kapuċċini fil-Kenja - 20 Borża ta' Studju

Il-*Boys' Junior Lyceum* il-Ħamrun issa ilu sbatax-il sena jgħin liż-żewġ Seminarji li l-Kapuċċini Maltin għandhom fil-Kenja. Dan sar permezz ta' Boroż ta' Studju, li issa qed jagħlqu l-20 waħda, u li għal kull waħda minnhom inġabret is-somma ta' Lm 250. Dawn il-Boroż ta' Studju nġabru permezz ta' għotjiet ta' flus, bolol użati (li minnhom inġabru 'l fuq minn miljun) u *telecards* użati.

Dawn kollha jgħaddu lis-Segretarju tal-Missjoni fil-Kunvent tal-Kapuċċini l-Furjana, fejn jiġi kkordinat ix-xogħol kollu li jsir għall-Missjoni tal-Patrijiet Kapuċċini li ilhom jaħdmu fil-Kenja mill-1974 u hemmhekk issa hemm żewġ djoċesijiet: Garissa, immexxija minn Mons. Isqof Pawlu Darmanin OFMCap, u Malindi li hija mmexxija minn Mons. Isqof Frans Baldacchino OFMCap.

Mr. W.L. Zammit
*Subject Co-ordinator* u Ko-ordinatur tal-Proġett.

***Nota ta' l-Editur***
*Ħajr f'isem il-missjunarji Kapuċċini Maltin kollha lis Sur Zammit u lill-istudenti kollha ta' l-interess u l-għajnuna tagħhom matul dawn is-sbatax-il sena.*

# PROGRAMM TAL-FESTA TA' SAN FRANĠISK
## FIL-KNISJA TAL-KAPUĊĊINI-FLORIANA

**It-Tnejn 30 ta' Settembru:**
*L-Ewwel Jum tat-Tridu*
6.40 p.m. Rużarju.
7.00 p.m. Quddiesa: O.F.S., GiFra u Koppji miżżewġa
Imexxi P. Joe Giuliano OFMCap.
Ikanta l-Kor ***Pax et Bonum*** immexxi minn Ms Odette Spiteri.

**It-Tlieta 1 ta' Ottubru:**
*It-Tieni Jum tat-Tridu*
6.40 p.m. Rużarju.
7.00 p.m. Quddiesa: Tfal ta' Fra Diegu u l-Ursolini
Imexxi P. Martin Micallef
Ikanta P. Joe Giuliano u t-tfal.

**L-Erbgħa 2 ta' Ottubru:**
*It-Tielet Jum tat-Tridu*
6.40 p.m. Rużarju.
7.00 p.m. Quddiesa: Ċentru Vokazzjonijiet Kapuċċini,
Imexxi P. Franco Fenech OFMCap.
Ikanta l-Kor ta' l-Istudenti Kapuċċini.



**Il-Ħamis 3 ta' Ottubru: Lejlet il-Festa**
6.40 p.m. Rużarju.
7.00 p.m. Translazzjoni tar-Relikwa ta' San Franġisk.
Quddiesa Konċelebrata bis-Salmi ta' l-Għasar:
Gruppi ta' talb ta' S. Piju.
Imexxi P. Joe Saliba OFMCap.
Ikanta l-Kor ***Pax et Bonum*** immexxi minn Ms Odette Spiteri.

**Il-Ġimgħa 4 ta' Ottubru:**
**FESTA TA' SAN FRANĠISK TA' ASSISI**
6.40 a.m. Quddiesa kantata bit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum.
Imexxi l-Arċipriet tal-Floriana

5.40 p.m. Rużarju
6.00 p.m. Konċelebrazzjoni Solenni bis-Salmi ta' l-Għasar.
Imexxi P. Crispin Tabone OFMCap., Ministru Provinċjali.
Priedka minn P. Dominic Mangani OFMCap.
Tiġdid tal-Wegħdiet Reliġjużi.
Funzjoni tat-Transtu u Barka.
Ikanta l-Kor ***Pax et Bonum*** immexxi minn Ms Odette Spiteri.






# LOTTERIJA KBIRA TAL-MILIED

## B'risq il-Missjoni tal-Kapuċċini fil-Kenja organizzata miċ-Ċentru Missjoni Kapuċċini, Floriana

**Kull pakkett fih 12-il biljett li għaxra minnhom jinbiegħu bl-20ċ-il wieħed u t-tnejn l-oħra jkunu b'kumpliment għal min ibiegħhom.**
**Din il-Lotterija li titla' fil-5 ta' Jannar 2003**

**L-1 Premju:**
Vjaġġ għal tnejn, għal tlett iljieli, bl-Ajru għal RUMA u lura
*(bed & breakfast)*
*Ġentilment mogħtija mill-Air Malta u minn Trinatours Ltd.*

**It-2, it-3 u r-4 Premju:**
**Hamper Kbir tal-Milied (Kull hamper ikun fih whisky, liqueur, inbid, ħelu u affarijiet ta' l-ikel)**
***Ġentilment miġburin mis-Sinjuri Antida u Joe Gauci.***

***Kull min jixtieq minn dawn il-biljetti jista' jikkuntattja lil: Fr. Joe Alessandro Kunvent tal-Kapuċċini Floriana VLT 14 Tel: 21233874 21234949 21225525***

# Familjarità mat-Trinità Qaddisa

minn P. Frans ABELA OFMCap

IT-TIELET PARTI



## Franġisku u l-Ispirtu s-Santu

Il-famljarità ta' Franġisku ma' din it-tielet persuna divina faqqset sa mill-bidu tal-mixja ta' konversjoni tiegħu meta darba waħda kien jinsab qrib il-knisja ċkejkna ta' San Damjan. Imqanqal mill-Ispirtu s-Santu, daħal hemm jitlob quddiem il-kurċifiss u milqut mill-grazzja ta' Alla, ħass ruħu mibdul għal kollox (2 Cel). Imma l-intimità tiegħu ma' l-Ispirtu s-Santu ma waqfitx mal-konverżjoni. Imxiet 'il quddiem fit-tiftix tal-messaġġ li taħ dak il-kurċifiss għażiż: "Franġisku mur sewwi l-knisja tiegħi", li "għall-ewwel ħa kliemu kelma b'kelma, u mbagħad imnebbaħ mill-Ispirtu s-Santu, fehem li Alla riedu jirranġa l-Knisja li Ġesù feda bit-tixrid ta' demmu, kif aktar tard stqarr hu stess lil uliedu" (Leg M II). Kien ukoll l-Ispirtu s-Santu li wrieh x'forma ta' ħajja kellu jaqbad: "Wara li l-Mulej tani f'idejja l-ħarsien ta' l-Aħwa, ħadd ma wrieni x'kelli nagħmel, iżda l-Aktar Għoli (l-Ispirtu s-Santu) innifsu nebbaħni li kelli ngħix skond l-Evangelju Mqaddes" (Testment). Franġisku kien iħossu fqir wisq biex ifaħħar kif jixraq lill-Mulej, u għalhekk kien jitlob lil Ġesù bl-Ispirtu s-Santu biex iwasslu huma floku t-talb umli tiegħi (Reg mhux Bull).

U lil dawk minn fost uliedu li kienu jħossuhom mhux tajbin biex jippridkaw, kien iħeġġiġhom biex ma jaqtgħux qalbhom bi kliem Kristu: "Mhux intom tkunu li titkellmu, imma l-Ispirtu tal-Missier tagħkom li jitkellem fikom" (Mt 10, 20). Dawk li lil Franġisku kienu jafuh sew għax għexu miegħu, stqarrew: "Kliemu ma kienx vojt jew fieragħ, imma tant mimli b'qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu li kien jinfed il-qlub u jgħaġġeb lil min jisimgħu" (Leg M III), u dan għaliex kien bniedem mimli kollu kemm hu bil-frott ta' l-Ispirtu s-Santu: imħabba, ferħ, sabar, ħniena, tjubija, fidi, ħlewwa u rażna (ara Gal 5, 22).

Il-ħajja sagramentali tagħna hi minsuġa kollha kemm hi bl-ismijiet tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu: magħmudija, qrar, tqarbin u anke t-talb waqt l-assistenza mal-moribondi. Għalhekk għandna nħossuna midjunin lejn it-Trinità Qaddisa għall-barkiet li kontinwament hi ssawwab fuqna, u, b'sens ta' qima lejha, irroddu sew is-sinjal tas-salib u nirreċitaw b'devozzjoni l-Glorja.

Jalla l-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla l-Missier u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu tkun magħna dejjem. ❑

*Xellug: San Franġisk ta' Assisi*
*Raffaello (1483-1520)*

*Novella*

# It-tfal jiġu bil-vapuri

mir-rumanz omonimu ta' Profs. Oliver FRIGGIERI

## L-EWWEL PARTI

"Alla tiegħi, x'dalma waqgħet!" karbet is-Sinjura malli ttawlet kemm kemm mit-tieqa u fittxet reġgħet għalqitha.

Il-kesħa kienet fl-eqqel tagħha dik il-lejla. Ix-xita kienet ilha nieżla minn filgħodu kmieni u s-sema baqa' sewdieni l-jum kollu, mgħobbi bis-sħab mimli li ma ħalla lil ħadd jittama li t-temp se jitbiddel. Issa li beda jidlam ġmielu, it-toroq saru baħħ iżjed minn qabel, aktar mudlama minn kull lejla oħra meta anki l-bnazzi ma kienx ifisser lejliet dawlija wisq. Id-dawl baxx tal-bozoz, waħda f'kull kantuniera, kien l-uniku sinjal ta' ħajja fl-inħawi, ftit bjuda safranija mixħuta mal-ħitan madwarhom u fuq ir-roqgħa art ta' taħthom. Ma kien irid xejn ir-riħ biex ikisser bozza minnhom u t-triq kollha ssir dlam ċappa, bħalma l-irwiefen setgħu jagħmlu ħsara lill-elettriku u d-dawl jinqata' kullimkien. Karba ta' kelb mitluq fl-għelieqi, minsi biex ibati l-lejl waħdu iżjed minn kulħadd, kienet tidwi fis-sikta sħiħa miksura biss mid-daqqiet qawwija tar-riħ fuq is-siġar tal-fraxxnu, ta' l-ewkaliptu u tal-ħarrub lilhinn mit-triq.



Fi ljieli bħal dan, li ma kinux rari, id-dar kienet tidher akbar milli fil-bqija tas-sena. Is-Sinjura setgħet tħoss is-solitudni antika tagħha taqa' kollha fuqha b'saħħa speċjali kull meta t-temp kien juri l-għadab tiegħu. Fil-kobor il-kesħa donnha kienet taħkem aktar, bħala qawwa li tipprova tkessaħ anki s-sħana tal-qalb li suppost tibqa' dejjem hemm, sajf u xitwa. It-tektik bla waqfien tax-xita mat-twieqi kien jidwi fuq kull naħa mad-dar kollha, palazz qadim li jaħkem waħdu, maqtugħ mill-bqija tad-djar żgħar marbutin ma' xulxin, mgħammra minn familji mdaqqsa, ilkoll wild l-għelieqi u s-snajja'. Il-ħġieġ ma kien irid xejn biex iħabbat, taħbita wara l-oħra, kważi biex jinqala' mill-gwarniċ tiegħu. Il-lukketti u l-firrolli kienu lkoll f'posthom. Is-Sinjura darithom wieħed wieħed hi nnifisha malli beda jidlam, iżda l-ħsejjes baqgħu xorta. It-tokki ta' l-arloġġ il-kbir issa kienu dgħajfin wisq u xi drabi l-maltemp kien jidfinhom.

Is-sajjetti ma waqfux. Għas-Sinjura kienu forza li tinżel mill-għoli moħbi tas-smewwiet biex tmiss il-bini u l-art tal-bnedmin u twiddibhom li Alla huwa setgħani u li d-dnub jitlob kastig li llum jew għada jasal, u jasal bis-sinjali qawwija tas-sema. Kienu sinjali li jridu jitfissru biex jinftiehmu. Ma kinux biss ġrajjiet waħxija tan-natura; kienu wkoll ilħna ħabbara tal-misteru li d-dinja kienet imħaddna fih u li jinħass l-aktar fil-maltemp. Alla nnifsu kien isemma' leħnu fil-maltemp, bir-ragħad u bil-beraq, biċ-ċaqliq goff li jseħħ fis-smewwiet biex ineħħi t-telqa tal-bnazzi. Fil-bnazzi l-bniedem jerġa' jinsa u jkejjel kollox biss bix-xiber li jarawh għajnejh. Mela l-maltemp kien kelma nieżla dritt mill-għoli. L-erwieħ tajba kellhom jifhmuha.

Ma' kull berqa s-Sinjura, bil-kuruna tar-Rużarju marsusa bejn idejha, kienet trodd is-salib u titlob bla waqfien bil-ħerqa kollha, l-istess kliem ta' ħniena mitluba mis-sema biex kollox ifittex jgħaddi b'wiċċ il-ġid. Kienet ilha li għalqet it-twieqi fuq l-injam biex l-ebda raġġ ta' dawl ma jidħol ġewwa; is-sajjetti setgħu jidħlu xorta waħda fi sriep tan-nar u jaħarqu kullimkien f'ħakka t'għajn, kienet temmen. Tfiet il-lampi kollha tad-dar u ħalliet biss il-fjammi tax-xemgħat idawlu u fl-istess ħin jitolbu l-ħniena quddiem ix-xbihat qaddisa mqassmin f'kull rokna.

Ma kienx lejl bħall-oħrajn. Saħħitha, li hi setgħet tħossha sejra lura minn żmien twil qabel iżda bil-mod, issa saret biss fdal għajjien jitnikker f'kull naħa ta' ġisimha. Kienet bidla bla waqfien li f'daqqa saret skoss li jinħass. Qalbha ħebritha li l-istaġun kien qiegħed

isejħilha kif qatt ma għamel qabel, u kellha tisimgħu għaliex il-qalb teħber, kif ommha kienet għallmitha, bis-setgħa kollha tagħha, żmien twil qabel. Hi stess ukoll, ħasbet, kienet mara li qiegħda tistenna.

Karlu kien medhi jqalleb il-kotba fil-librerija. Serrħet rasha li, kif qaltlu jagħmel, anki fil-librerija ma ħalliex twieqi fuq il-ħġieġ u li tefa' d-dawl kollu għajr il-lampa żgħira tal-qari. Ħajritu kemm-il darba biex jieqaf mill-qari u jitlob. Imbagħad qaltlu li kienet se tmur f'kamritha u tistrieħ. Ma kinitx tħossha fiha, u xi ħaġa kienet qiegħda tgħidilha li dik kienet lejla speċjali għaliha wkoll. It-tħassib u l-biża' setgħu jinqraw fuq wiċċha safrani u magħlub.

"Tixtieq li ngħidu r-rużarju flimkien, Karlu?" talbitu bi ħlewwa li mhux dejjem kienet titkellem biha miegħu kull meta xtaqitu jitlob magħha. Is-soltu kienet tippreferi tagħtih ordni ladarba t-talb kien dmir normali.

Karlu telaq il-kotba u daħal warajha fil-kamra tas-sodda tagħha. Hi ħarġet il-kuruna minn taħt l-imħadda u mteddet bi tbatija, tellgħet il-kutra sa taħt geddumha u ħarġet idejha t-tnejn 'il barra mill-friex biex b'id waħda setgħet trodd is-salib u bl-oħra tgħid l-Avemarijiet bir-reqqa. Karlu refa' siġġu mir-rokna tal-kamra u resaq bih qrib tagħha u ntasab fuqu b'idejh imsallbin.

Ix-xita u s-sajjetti ma qatgħu xejn u leħenha kull darba kien juri li kienet qiegħda tibża'. Kienet tbiddel it-ton u titlob b'ħeġġa akbar, iżjed bil-mod, qisha qiegħda tiskrupla li ma tlissinx tajjeb kull kelma tat-talb. Fi tmiem ir-Rużarju qalet it-talb speċjali twil għal ruħ żewġha, u bejn silta u oħra waqfet biex tistaqsi fejn kien dak ir-raġel fid-dinja l-oħra, issa, f'dan il-ħin ta' maltemp qawwi u kiesaħ.



Karlu kien drah sewwa dan id-diskors, u dera jistaqsi lilu nnifsu hu wkoll, "Min jaf fejn hu missieri?"

"Min jaf fejn hu żewġi bħalissa," tniehdet. Quddiem għajnejha tfaċċa l-qabar tagħhom f'waħda mill-ftit kappelel li kien hemm imdawrin bl-oqbra komuni fiċ-ċimiterju tar-raħal. Setgħet tagħlaq għajnejha u tara l-fdal tiegħu, magħluq hemm isfel, kiesaħ silġ, iżda għallinqas imħares mill gliegel tax xita li kienet nieżla.

"Benedizzjoni, mamà," qalilha Karlu fl-aħħar.

"Kun imbierek, ibni. Issa mur orqod, ħallik mill-kotba. Qrajt biżżejjed. U tixgħelx id-dawl. Ħażin għas-sajjetti. Tinkwetanix."

"Tiħux ħsieb, mamà," serrħilha rasha.

"Ma nħossni tajba xejn illejla, Karlu. Għandi għeja u telqa li m'humiex tas-soltu. Il-maltemp donnu sinjal għalija."

"Tridni nġiblek kikkra te?"

"M'għandi aptit xejn. Ma nafx, ma nafx..," qaltlu b'nofs ħajra.

Karlu resaq lejha u għafsilha idha l-leminija u ħass l-għadam dgħajjef tagħha. Daħħlilha bil-mod il-mod idejha t-tnejn taħt il-friex. Għollielha l-kutra sa fuq nofs wiċċha u reġa' talabha tbierku. Seta' jintebaħ li kienet magħdura ħafna, safranija aktar mis-soltu, għajnejha mħeddlin b'għeja akbar min-ngħas ta' kull lejla. Qabel ma ħareġ mill-kamra resaq lejn ix-xemgħa biex jitfiha, iżda hi qaltlu li xtaqitha tibqa' tixgħel il-lejl kollu. Ma kienx soltu tagħha.

Huwa u miexi lejn il-librerija waqaf fil-kuritur quddiem it-tieqa magħluqa li tagħti għal fuq il-ġnien, ċaqlaq il-lukkett mingħajr ħoss żejjed, qajl qajl, u fetaħ il-kontraporti biex jittawwal minn wara l-ħġieġ. Seta' jħoss ir-reżħa ma' wiċċu, l-aktar meta ressaq imnieħru u għafsu mal-ħġieġa, donnu ried jifqagħha biex joħroġ minnha u jħoss ix-xita fuqu. Il-ġnien kien dalma waħda iżda l-beraq kien jixgħel il-post għal ftit b'ħasda minn waqt għal ieħor. Seta' jisma' t-tenvin tar-riħ mas-siġar għoljin jixxenglu, bla waqfien, b'ritmu mgħaġġel u nervuż, minn naħa għal oħra donnhom se jingħalqu. Kienu siġar li kibru miegħu; uħud bdew żmien twil qablu, oħrajn tfarfru miegħu, u hu ħabbhom qishom ħutu li qatt ma jitkellmu. Ħares 'il fuq lejn is-sema u ra d-dwal u d-dlam ċappa tal-maltemp imseħbin flimkien fl-ispazji bla qies. Anki l-maltemp seta' jfakkru f'Susanna. Il-ġnien kien Susanna għaliex kien mimli bil-freżja u bil-ġiżi u bil-ġilji bojod, u hi hemm kienet meta laqtitu l-ewwel darba u hu ħares lejha fit-tul u ħass il-ferħ u x-xewqa jiġru ma' ġismu kollu. Il-maltemp kien il-preludju tal-bnazzi, li kien Susanna. Mexxa subgħajh mal-ħġieġ tat-tieqa mxarrba u kiteb l-ittri ta' isimha, ittri kbar, imbagħad fetaħ is-swaba ta' idu l-leminija biex ifittex iħassarhom, iżda malajr bdew jiċċajpru u ma damux ma tħassru weħidhom. Xtaqha miegħu f'dik is-siegħa, biex iħaddanha miegħu mill-kesħa, ikenninha mill-maltemp, kull maltemp li seta' kien qiegħed jistennieha, u kieku jista' jerġa' jġib il-bnazzi minħabba fiha. Xtaq il-bnazzi biex forsi jaraha titbissem. Ilu wkoll kien waħdu.

Reġa' għalaq it-tieqa fuq l-injamiet u kompla miexi lejn il-librerija. Ma kienx hemm għalfejn jagħmel bħal drabi oħra u jipprova jimxi fuq ponot subgħajh biex ma jagħmilx ħoss għaliex il-maltemp kien għadu jdamdam mal-kmamar kollha. Moħħu kien biss li jirnexxilu jsib kotba oħrajn għal Susanna u jagħtihomlha biex tibda taqrahom. Xtaq jimlielha moħħha bl-għerf kollu tal-librerija. Kien ilu li ntebaħ li kellha sensittività kbira, u din kellha tkun biżżejjed biex hi tibda titgħallem u ssir taf taħseb u titkellem aħjar. Ma kellhiex edukazzjoni aktar milli kellhom il-bniet tamparha, iżda l-ħajja kienet

diġà ttempratilha moħħha u kull meta kienet titkellem miegħu ma kinitx iddejqu bi ħsibijietha. Kienet xewqana li titgħallem. Ma kellux dubju li kien se jasal iwassalha biex taqra l-kotba u tikber fil-moħħ. Hekk xtaqha u hekk kien jixraq lis-sbuħija tagħha. Xi mkien, fid-dell ta' ħsiebu, kien hemm Susanna ġdida, kif xtaqha hu. B'mod jew ieħor, bħall-iskulturi mhux magħrufa li għamlu l-istatwi tal-ġibs li d-dar kienet mimlija bihom, kien ċert li seta' jonqox l-istatwa tiegħu. Susanna tħallih.

Kien medhi jaqra, ħsiebu diġà biex iqatta' ftit ħin ieħor u mbagħad jidħol hu wkoll f'kamartu biex jorqod. F'daqqa waħda sema' leħen isejjaħlu.

"Karlu, Karlu, ejja ftit, ejja ftit."

Qam malajr u xeħet il-ktieb fil-ġenb u telaq jiġri kemm jiflaħ lejn il-kamra tagħha.

"Karlu," reġgħet sejħitlu malli lemħitu riesaq lejha fil-kjaroskur tal-kamra.

Resaq lejha bil-ħeffa u f'daqqa waħda waqaf quddiemha, maħsud.

"Karlu," reġgħet qaltlu, donnha nofsha mitlufa minn sensiha. Bdiet tieħu nifsijiet kbar u tqal, bla waqfien, u bdiet tħarħar u thewden u xxengel rasha kemm kemm minn naħa għal oħra.

Hu resaq aktar lejha u niżel għarkobbtejh ma' ġenb is-sodda u xtaq jaqbdilha idha, imgħaddma, imkemmxa kif ma kienx jixtieq jaħseb li kienet. Qatt qabel ma kien se jissogra jmissilha idha. Qatt ma ħallietu jmissha biex imqar ibusilha idha. Qatt ma għaddielu minn rasu li se tgħannqu jew se jgħannaqha. Kellha l-kuruna tar-Rużarju marsusa ma' l-għaxar swaba' mdaħħlin f'xulxin, donnha kienet imbeżżgħa li xi ħadd se jeħodhielha.

"Mamà, mamà, xi ġralek?"

"Wasalt, ibni, wasalt biex immur. Naf li l-ħin issa wasal. Agħtini l-Kurċifiss f'idi."

Karlu qabad il-Kurċifiss tar-ram li kellha ħdejha fuq il-komodina u neħħielu l-pedistall u tahulha f'idha. Hi għolliet idejha kemm setgħet 'il barra mill-friex, ħatfitu b'idejha t-tnejn, bisitu bis-saħħa u niżżlitu magħfus ma' sidirha. Bdiet titlob b'ħerqa kbira ttenni l-istess talb qasir mingħajr ma tieqaf.

"Mamà, mamà," beda jokrob. "Tħallinix waħdi."

"Naf li l-lejla maltemp kbir, imma nitolbok tieqaf miegħi għall-aħħar darba..."

"X'inti tgħidli, mamà?"

"Din hi l-aħħar darba. Mur ġib it-tabib malajr. Mur fittxu d-dar u itolbu jiġi issa stess. U mur għand Dun Grejbel u itolbu jiġi malajr kemm jista' jkun."

"It-tabib ma joqgħodx 'il bogħod, mamà, nittama li malajr jiġi. Imma Dun Grejbel joqgħod ir-raħal l-ieħor, 'il bogħod. Se ndum ftit biex nasal. U bħalissa ma nsibx karozzin li jeħodni."

"Ma taqtagħlix xewqti?"

"Ma tridx inġiblek qassis ieħor, mir-raħal stess?"

"Le, le. Nitolbok tmur għand Dun Grejbel u titolbu jiġi issa. Għidlu li ninsab ħażin ħafna, u naf li wasalt fl-aħħar."

"Għaliex qiegħda tgħid hekk, mamà?"

"Għaliex naf x'qiegħda nħoss, Karlu. Għedtlek kemm-il darba li l-ħajja issa nafha sewwa. Il-ħajja trid titgħallimha maż-żmien, u bis-sabar. It-tmiem jinħass, bħad-dwejjaq. It-tmiem jiġi darba, imma tkun ilek titgħallem tistennieh."

Karlu xeħet kowt oħxon fuqu u ħareġ jiġri mid dar. Mexa taħt il-ħitan biex jevita x-xita kemm seta' iżda x-xita kienet għadha qawwija bħal qabel. Ġera u qagħad attent li ma jiżloqx fl-għadajjar tat-toroq. Ix-xewqa qawwija li jfittex isib lit-tabib u lill-qassis neħħewlu l-biża' kollu li ħass għall-bidu li ħareġ fit-triq, kważi mudlama għal kollox, fejn ma kellu jistenna li jiltaqa' ma' ebda ruħ.

L-ewwel ħabbat fuq il-bieb tat-tabib u qagħad jistenna li xi ħadd jiftaħlu. Ma reġax ħabbat. Tektika fuq il-ħġieġa tat-tieqa tal-gallerija ftit wara serrħitlu rasu li t-tabib induna bih u kien nieżel. Fi ftit waqtiet tbexxaq il-bieb u t-tabib staqsieh x'ġara.

"Il-mamà tiegħi tinsab ħażin ħafna, tabib."

"Se niġi issa stess. Il-qassis sejjaħtlu wkoll?"

Se mmur għalih issa."

"Mela inti mur għalih waħdek. Jien it-triq nafha u se nkun għandkom fi ftit minuti," qallu t-tabib.

"Il-bieb ħallejtu mbexxaq apposta, tabib, biex tista' tidħol u titla' ħdejha dritt."

"Kollox sew, mur, mur, titlifx ħin aktar."

Karlu telaq jiġri kemm jiflaħ lejn ir-raħal l-ieħor. Għadda minn toroq li qatt ma rifes fuqhom qabel, u xi drabi daħal fi sqaqien bi żball, u fl-aħħar wasal fil-misraħ quddiem il-knisja, waqaf u ħares madwaru. Ebda ruħ li setgħet tgħidlu fejn kien joqgħod il-qassis. Mexa tul toroq sħaħ iżda nduna li b'hekk ma kienx se jasal isibu. Kien jaf fejn toqgħod Susanna, u Susanna darba qaltlu fejn kienet id-dar ta' Dun Grejbel. Mar lura minn fejn kien wasal, lejn ir-raħal tagħhom, u ġera b'saħħtu kollha lejn id-dar tagħha. Kien ċert li se jagħtiha ħasda kbira iżda kien jaf ukoll li ma kellux ħaġa oħra x'jagħmel. ❑



*Tkompli fil-ħarġa ta' Novembru*

## P O E Ż I J I

# INNU LILL-PATRIJARKA SAN FRANĠISK

***minn Patri Feliċjan Bilocca OFMCap***

O Glorjuż Patrijarka Franġisku,
b'qalb ferħana aħna rridu nqimuk:
għaliex b'fidi, b'imħabba qawwija
aħna lilek b'missierna nqisuk.

Serafin, veru xebh ta' Ġesù,
kun għalina mudell ta' virtù.

Inħobbuk, għax int kbir fi qdusitek:
inħobbuk, għax int mimli virtù,
li minn bniedem ta' l-art lilek għamlu
xbieha ħajja ta' Kristu Ġesù.

Serafin, veru xebh ta' Ġesù,
kun għalina mudell ta' virtù.

Lilek ħabbek Ġesù Feddej tagħna:
ħaddnek miegħu bħall-għeżeż ħabib:
bħala rahan ta' dil-kbira mħabba,
tak il-Pjagi, li f'ġismek iġġib.

Serafin, veru xebh ta' Ġesù,
kun għalina mudell ta' virtù.

Dawk il-pjagi l'int bihom imżejjen,
huma għalina għejun ta' kbir ġid,
għaliex bihom taqlalna kull grazzja
mingħand Alla, ta' kollox is-Sid.

Serafin, veru xebh ta' Ġesù,
kun għalina mudell ta' virtù.

Deh! aqlgħalna d-dehen tal-qdusija,
sabiex m'Alla ningħaqdu f'kull ħin:
u hekk ħajjitna ngħadduha mistura
fl-isbaħ doni t'erwieħ qaddisin.

Serafin, veru xebh ta' Ġesù,
kun għalina mudell ta' virtù.

Sakemm fl-aħħar meħlusa mill-ħajja
ta' din l-art, niġu 'l Alla nfaħħruh
flimkien miegħek, li tant kont ħabbejtu,
u għal dejjem flimkien ingawduh.

Serafin, veru xebh ta' Ġesù,
kun għalina mudell ta' virtù.

# T I S L I B A 27

*minn P. Wistin ATTARD ofm cap*



1. u 10. Kontu barra minnha. (Efes 2, 12) (12)
2. Twittihom il-kalma. (Koħ 10, 4) (6)
3. Art mhux qadima. (2 Pt 3, 13) (5)
4. Xrobna u iżjed. (Atti 10, 41) (5)
5. Taħt il-... tiegħu. (Apk 7, 15) (4)
6. ... il-bhejjem tiegħu. (Is 40, 16) (5)
7. Tahom minnu bix-xaba'. (Est 1, 7) (5)
8. F'dawn tal-għedewwa tagħhom. (Neħ 9, 27-28) (5)
9. Xi ħasda ... il-lejl. (Għan 3, 8) (3)
10. Ara 1.
11. u 12. Fejn kien David magħluq. (1 Kron 12, 1) (6)
13. Għin lil Zena u 'l dan. (Tit 3, 13) (6)
14. Hekk għamilt lilkom, missirijiet. (1 Ġw 2, 14) (5)
15. Kien *miġjub* ħafna. (2 Mak 14, 37) (5)
16. Mhux dawn, iżda l-midinbin. (Mk 2, 17) (5)
17. Ma jkollokx iżjed minn din. (Sof 3, 15) (5)
18. Pawlu, Silvanu u dan. (2 Tess 1, 1) (7)
19. Isem li jfisser 'morra'. (Rt 1, 20) (4)
20. Kien jissajjalu. (Lam 3, 10) (3)
21. Iħħaliha warajh. (Ġoel 2, 14) (5)
22. Dan kien dawra tond. (Eż 37, 12) (5)

***RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' AWISSU / SETTEMBRU:***

*1. Tqila; 2. Abital; 3. Bżajt; 4. Iħoss; 5. Ħuta; 6. Ġarar; 7. Taqbeż; 8. Ħbula; 9. Lot; 10. Jissara; 11. u 12. Glorja; 13. Jaħrat; 14. Imrar; 15. Ħdura; 16. Anġli; 17. Ħjata; 18. Magadan, 19. Gaju, 20. Ħaj, 21. Aħjar; 22. Lvant.*

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14*

**Ir-Rebbieħa ta' dan ix-xahar hija:**
**MRS. V. TREVISAN - STA. VENERA**

**Il-Bibbja li ntużat għal din it-Tisliba hija dik ta' l-Għaqda Biblika (Edizzjoni 1984 jew 1996).**

# NIĠI WARAJK!





*minn Br Dennis Calleja OFMCap*

Fil-ħajja nisranija kull min hu mgħammed għandu "sejħa" mingħand il-Mulej, u kull sejħa hija importanti: kull sejħa rridu nilqgħuha u nwieġbu għaliha bil-ġenerożità kollha. Iżda l-Mulej Ġesù meta waqqaf il-Knisja ried li jkun hemm xi ministeri u dawn fdahom lil dawk li hu minn rajh għażel minn fost id-dixxipli tiegħu.

Ġesù għalhekk irid ħafna ħaddiema biex huma jkomplu jwettqu dan ix-xogħol ministerjali biex ikunu jistgħu jqassmu l-Ewkaristija lill-bnedmin, jaħfru d-dnubiet, u jmexxu l-komunità. Għal dawk li huma msejħin Kristu qiegħed jafda f'idejhom din il-missjoni biex Hu jkompli jasal f'kull bniedem. Kristu hu meħtieġ għad-dinja kollha. Ġesù qiegħed isejjaħ ħafna żgħażagħ biex jagħżlu lilu l-ewwel u qabel kollox. Jagħtuh l-ewwel post f'ħajjithom sabiex huma wkoll jagħtu ħajjithom għal din il-ħidma fil-Knisja mwaqqfa minn Ġesù stess. Hija stedina biex iħallu kollox u jmorru warajh fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali sabiex ħajjithom tkun offerta ta' mħabba lil Alla.

Iżda biex twieġeb għas-sejħa ta' Alla trid tkun ġeneruż. Araw kemm wieġbu malajr l-appostli. Għalihom kienet esperjenza tal-ġenn. Waħda mill-isbaħ esperjenzi li kellhom fil-ħajja tagħhom li telqu kollox u marru wara dak li sejħilhom. Ma kinux jafu x'ser toffrilhom din l-istedina iżda emmnu fih u mxew warajh. Din hija l-fidi li jrid ikollok jekk int qed tħossok imsejjaħ. Ħalli lil Ġesù jurik u jmexxik fil-vjaġġ li qed jistiednek li tagħmel. Ħalli f'idejh u jmexxik Hu. Tiħux ħsieb. Toqgħodx tinkwieta. Il-Mulej ikun miegħek f'kull pass li tagħmel. Biex dak li jibda fik, iwasslu Hu fi tmiemu.

***Għal aktar tagħrif: Fr. Franco Fenech OFMCap jew Br Dennis Calleja OFMCap, Kunvent tal-Kapuċċini, Kalkara.***

***Tel. 21 825 724 / 21 800 612 Fax: 21 695 905***

***E-Mail address: cvk@kemmunet.net.mt***

***Website: www.capuchin-vocations.org***



# Sfajt bla dirgħajn! Tista' tgħinni?

Fis-7 ta' Awissu 1998, ftit sigħat wara li mijiet ta' nies tilfu ħajjithom fl-isplużjonijiet li seħħew ma' l-ambaxxati Amerikani ta' Nairobi fil-Kenja, u ta' Dar Es Salam, fit-Tanzanija, xi nies fanatiċi ħebbew għall-istazzjon tal-missjoni tal-Kapuċċini f'Wajir. Minbarra l-ħsarat li għamlu fid-dar u fil-karozza tal-patri, daħlu fil-knisja, u fost il-ħerba li għamlu, tefgħu it-tabernaklu bis-Sagrament ma' l-art u kissru l-kurċifiss (ara ritratt). Sallum, dan il-kurċifiss għadu mingħajr dirgħajn.

Kristu m'għandux bżonn ta' par dirgħajn tal-ġibs, iżda par tal-laħam. Għandu bżonn id-dirgħajn ta' saċerdoti biex ikomplu jxerrdu, bil-kelma u bl-għemil, il-messaġġ ta' mħabba lil tant nies fil-bżonn.




## Int ukoll tista' tgħin billi tagħmel BORŻA TA' STUDJU

BORŻA TA' STUDJU hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tinqasam bejn is-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin jistud-jaw. Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi bene-fatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

*Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil*
*Fr. Joe Alessandro,*
*Uffiċċju Missjoni Kapuċċini,*
*Floriana*

Tel: 2123 3 874
2123 4949
2122 5525